**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur John Spiteri)**
**(spettur Jeffrey Scicluna)**
**vs**
**David Xuereb, bin Carmel u Josephine nee` Frendo, imwieled Pieta` nhar l-4 ta` Jannar, 1973, residenti ġewwa 7, Triq Vincenzo Bugeja, Floriana, u detentur ta` karta tal-identità numru 42873M.**

*Kumpilazzjoni Nru. 383/2017*

Illum, 23 ta' Settembru, 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat **David Xuereb** u cioe talli:

> F'dawn il-Gżejjer, bejn Jannar tas-sena 2017 u Settembru tas-sena, 2017 b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-ligi:
>
> 1. Bil-vjolenza ikkommetta stupru fuq il-persuna ta' Omissis;
>
> 2. fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi, l-imġieba tiegħu ammontat għall-segwiment ta' persuna bil-moħbi u qagħad għassa jew spijja lil Omissis;
>
> 3. fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi ta fastidju lil Omissis meta kien jaf jew messu kien jaf li l-aġir tiegħu kien ta' fastidju għall-imsemmija persuna;
>
> 4. fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi ikkommetta attentat vjolenti għall-pudur fuq il-persuna ta' Omissis u cioe' kontra persuna msemmija fl-artikolu 202.

5. fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil Omissis il-biża li biża ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) ta' Kap 9.

6. U aktar talli rrenda ruħu reċidiv b'sentenzi mogħtija mill-Qorti li saru definittivi u li ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' hija minbarra li tinflinġi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' Omissis kif ukoll għal Omissis 1, il-partner ta' Omissis u l-familjari tagħhom.

Il-Qorti ġiet mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' hija ma' kull piena li l'Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti ġiet mitluba li jekk jidrilha xieraq tordna ordni ta' trattament skond l-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali tad-29 ta' Lulju, 2020,[1] permezz ta' liema bagħat lill-imputat biex jiġi ġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:

- Fl-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 198[2], u 206 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 251AA[3], 251A(1)[4], u 251C tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 251A[5], u 251C tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 207[6] tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 251B[7], u 251C tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] Fol.551
[2] Kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz tal-Att XIII tal-2018.
[3] *Ibid.*
[4] *Ibid.*
[5] *Ibid.*
[6] *Ibid.*
[7] Kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz tal-Att III tal-2020.

- Fl-artikoli 49, u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, u 412D tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u
- Fl-artikoli 17, 23, 31, u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Mill-**Current Incident Report**[8] jirrizulta li kien nhar is-6 ta' Settembru, 2017, fl-4.30pm, meta Omissis rrapportat fl-Għassa tal-Belt li oħtha, Omissis 2, kienet irċeviet fuq il-Facebook page tagħha, ritratti tagħha (ta' Omissis) f'attività` sesswali ma David Xuereb. Omissis stqarret kif iltaqgħet ma Xuereb f'Awissu, 2016, u fil-bidu r-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom kienu bil-kunsens tagħha. Meta xi żmien wara riedet ittemm ir-relazzjoni miegħu ***"huwa kien jheddidha li jekk ma tmurx ikollha x'taqsam miegħu huwa kien ser jikxifha mal-partner tagħha rigward r-relazzjoni tagħhom."*** L-attivitajiet sesswali kienu jseħħu fl-uffiċju ta' Xuereb ġewwa l-Belt matul il-ġurnata.[9] Intebħet li l-attività` sesswali ma Xuereb kienet qed tiġi *filmed* propju meta rat ir-ritratti li ntbagħtu lil oħtha. Omissis semmiet kif f'Awissu, 2017, biddlet il-mobile number għax riedet taqta` kull kuntatt ma Xuereb, *"Izda huwa baqa jipprova jkellimha, u bghatilha diversi e-mails fuq l-e-mail tax-xogħol. Matul dan iz-zmien hija kienet thossha mhedda u mbezza minn David Xuereb kontinwament, u hemm diversi messaġġi li juru li hija riedet twaqqaf ir-relazzjoni tagħhom u t-twegiba tiegħu dejjem kienet tkun li kien se javvicina lil partner tagħha u jghidlu bir-relazzjoni li kellha miegħu."*.[10]

**L-Ispettur Jeffrey Scicluna** semma' kif Omissis għamlet rapport inizjali dwar *revenge porn* wara li allegat li David Xuereb bagħat ritratti w *videos* ta' mumenti intimi tagħhom fuq Facebook. Meta ra dawn il-*videos* intebaħ li dan ma kienx każ sempliċi ta' *revenge porn* iżda kien hemm elementi ta' stupru. Omissis wriet lill-ispettur *chats* minn fejn jirrizulta ċar u tond li ma riditx affari ma David Xuereb u riedet li jħalliha bi kwieta. Stqarret li Xuereb kien jheddidha li jekk ma jkollhiex x'taqsam miegħu kien ser jikxef il-fatt li kellu relazzjoni magħha mal-

[8] Fol.10 et seq
[9] Fol.12
[10] Fol.13

*partner* tagħha. Omissis kienet tibża mill-*partner* tagħha w għalhekk għamlet minn kollox biex ir-relazzjoni ma Xuereb tibqa' mistura; għalhekk *"Xuereb kien juza din il-biza sabiex igieghel lil Omissis ikollha x'taqsam miegħu".*[11] Xuereb ġie mitkellem u saħaq li l-videos saru bil-kunsens ta' Omissis filwaqt li wriehom il-*hard disc* li fuqha kienu jinstabu. ***"il-videos …juru car u tond image ta' mara skomda, li anke f'waqtiet, infaqet tibki, waqt l-attività` sesswali u li qabel kull video kienet tgħidlu – 'jien ma rridtx ikolli x'naqsam mieghek, jien qed naghmel dan għax inti qed theddidni li se tikxef kollox lil Omissis 3…"***[12] Il-pulizija rat li Omissis għamlet l-almu tagħha biex taqta' l-kuntatt ma Xuereb billi blokkjatu minn Facebook u biddlet il-mobile number iżda dan baqa' jibgħatilha *emails* fuq l-*email* tax-xogħol fejn f'waħda minnhom jhedded li jekk mhux ser tiltaqa' miegħu ha jmur jiltaqa' mal-*partner* tagħha waħdu biex jikxef ir-relazzjoni tagħhom. Mill-*hard disc* raw diversi videos oħra ta' nisa oħra li kienu ġew kategorizzati skond l-isem.[13] L-investigazzjonijiet wrew li l-videos/ritratti tal-attività bejn Xuereb u Omissis kienu ntbgħatu mill-*partner* ta' Xuereb wara li sabithom meta setgħetx tagħmel kuntatt la ma Omissis u lanqas ma Xuereb, użatt *fake profile* u bgħatithom lil oħt Omissis.[14] Sforz tat-theddid ta' Xuereb, Omissis baqgħet tiltaqa' miegħu darba kull ġimgħa jew kull ħmistax fl-uffiċju tiegħu ġewwa Vincenti Buildings u dan baqa' jseħħ sa Awissu, 2017. Sa dak iż-żmien Omissis ma kellhiex f'moħħha tagħmel rapport dwar Xuereb minħabba li ma riditx tinkixef mal-*partner* tagħha iżda meta oħtha rċeviet ir-ritratti, dan kien il-*breaking point* għaliha.[15]

**WPC278 Sharona Buhagiar** ikkonfermat il-Current Incident Report[16] kif ukoll spjegat kif żvolġew l-investigazzjonijiet wara li sar rapport minn Omissis fis-6 ta' Settembru, 2017, fl-Għassa tal-Belt.[17] Ta' rilevanza kbira hi s-segwenti dikjarazzjoni tal-kuntistabbli Buhagiar, turi kemm hu inveritjier l-imputat meta *viva voce* jixhed li Omissis kienet taf li qed tiġi iffilmjata:[18] *"jiena rajt wiehed mill-videos li kienu ġew elevati mid-dar tiegħu fejn jidher li* ***huwa jissettja l-camera qabel hija tasal ġewwa l-ufficcju,*** *mbghad kif waslet ghal tul ta' hin, minuti* ***Omissis tidher tgħidlu li isma ejja nieqfu, m'iniex qed niehu pjaċir, ma rridx naghmel dawn l-affarijiet….tidher li qieghda tibki u David qed inezzaha u jkollu x'jaqsam magħha u hija tibki****…dak rajtu u smajtu jiena."*[19] Dan kollu kkonfermatu din il-Qorti stess meta rat l-imsemmija filmati.

[11] Fol.24
[12] Fol.25
[13] Fol.26
[14] Fol.28
[15] Fol.30
[16] **Dok.JS2** a fol.10-13
[17] Fol.212-214
[18] Fol.178 u 199
[19] Fol.214-215

WPC278 ikkonfermat l-oġġetti li għaddiet lil-espert Dr. Bajada.[20] **PS39 Jean Paul Zahra** assista fit-tfittxija li saret fir-residenza ta' Xuereb.[21]

**L-Ispettur John Spiteri** xehed kif hu, flimkien mal-Ispettur Scicluna, semgħu r-rakkont diffiċli ta' Omissis kif msemmi aktar il-fuq.[22] Meta Xuereb ġie arrestat, saru tfittxijiet bl-għajnuna tas-*Cybercrime Division.* Apparat elettroniku ġie elevat u sussegwentement mgħoddi lill-espert inkarigat mill-Qorti.[23] Ikompli *"Meta konna qed naraw dan il-materjal irriżulta li kienu nstabu dawn il-videos li kien hemm, dawn il-videos li spjegat Omissis iktar qabel tagħha jkollha x'taqsam ma' David sesswalment. Jidher li l-video, li* ***l-camera kienet titpogga <u>f'post moħbi</u> filwaqt li huma kien qed ikollhom x'jaqsmu flimkien u mill-audio tal-video f'diversi videos li kien hemm Omissis tinstemma kemm-il darba tibki waqt li kien ikollha x'taqsam miegħu, kull darba tgħidlu li ma jistghax ikun jibqghu sejrin hekk. Kienet ukoll tgħidlu li mhux qed tieħu pjaċir ikollha x'taqsam miegħu pero` hu kien jibqa` ikollu x'jaqsam magħha sesswalment.*** *Hija kienet spjegatlu waqt video jkollha x'taqsam miegħu kienet qalet ukoll li qed il-kelma ezatta qed iffottilha hajjitha, niftakar fil-video tape qed tghid qed tfottili hajti, ieqaf, zgur li din l-dahar darba pero` din qatt ma kienet tkun l-dahar darba. Spjegatli wara li kienet tohrog kienu jghaddu ftit tal-jiem umbaghad kien jerga` jiftakar u dejjem kienet tiġi xi theddida ġdida. Kienet tmur biex tibda titkellem u kien ikollha mbagħad toqgħod propju biex tahbi din il-haga b'mod partikolari lit-tifel tagħha."*.[24]Kopja tal-estratt tat-twelid tal-imputat Xuereb ġie esibit mix-xhud.[25]

**Omissis** bdiet biex tispjega li din l-istorja, li fiha sfat vittma ta' rikatt u *harassment,* wasslet biex tmaradha. Kienet ilha tipprova twaqqaf ir-relazzjoni ma Xuereb iżda meta rat li ma riedx jaf, u minkejja li għarrfet li l-affarijiet setgħu jaggravaw minħabba l-atteġġjament ostili tiegħu, wasal żmien meta waqqfet kollox.[26] Kienet iltaqgħet ma Xuereb f'Lulju, 2016, meta waqqfet tkellmu. Bgħatilha fuq Facebook biex jiltaqa' magħha w xi jiem wara marret ħadet kafè miegħu. Wara baqgħu f'kuntatt u meta beda juri nteress fiha w jagħtiha ċertu attenzjoni, magħdud mal-fatt li kienet għaddejja minn diversi problemi fil-hajja privata tagħha, kienet tieħu pjaċir tiltaqa' w tiftaħ qalbha miegħu.[27] Lejn l-aħħar t'Awissu, 2016, ir-relazzjoni żviluppat f'waħda intima, *"Kien bil-kunsens tat-tnejn"* iżda madwar erba' ġimghat wara, Xuereb beda jsir *"aktar ossessjonat, invasive fuqi…kellu kwazi ghira, li ma kellux ghalfejn ikollu għax hu kien jaf li jiena*

---

[20] Fol.562
[21] Fol.560
[22] Fol.276-278
[23] Fol.60
[24] Fol.278-279
[25] **Dok.JSZ** a fol.281
[26] Fol.33-34
[27] Fol.34

*ghadni mal-partner".*[28] Beda jibgħatilha rigali w dan ġiegħelha *'to back off'* iżda hu rvella. Tant li meta darba fost l-oħrajn, fl-1 t'Ottubru, kienet mingħajr *reception* tal-*mobile* u b'hekk ma setgħetx twieġeb telefonati w messaġġi tiegħu, bgħatilha li kien ser juri l-messaġġi tagħha lil *partner* tagħha - ***"You for not be with me, but you will be with no one"***[sic].[29] B'dan il-messaġġ irrealizzat li ma setgħetx tibqa ħbieb ma David. Minn hemm bdiet sensiela ta' theddid li kienet tirċievi iżda li wara li bagħtet wħud minnhom lil ħabiba tagħha, Omissis 1, ħassrithom miċ-ċellulari tagħha peress li ma riditx li jiskoprihom il-*partner* tagħha. Messaġġ ieħor kien *"remember* ***if I want to ruin you, I know how*** *and I will be the most nasty and savage man on earth. I know what I'm saying."* Saħansitra daħħal terzi biex iwasslulha l-messaġġ li jekk twaqqaf ir-relazzjoni miegħu kien ser jgħid b'kollox lill-*partner* tagħha.[30] Meta f'Ottubru, 2016, beda joħroġ ma tfajla, xorta beda jgħidilha li mhux jirnexxielu jagħmel sess magħha *"u* ***jgeghlni mmur miegħu sesswalment. Jekk jien ma naccettax, nibda nircevi minghandu kemm bil-fomm u kemm bil-messaġġi, li hu ha jghid lil partner tieghi****"*. Sa Diċembru baqaw ħbieb iżda Xuereb kien jgħidilha *"li jekk ma naghmilx miegħu, ha jtemm hajtu, se jaghmel suwicidju"*. Lejn l-aħħar ta' Diċembru bidu ta' Jannar, beda joħroġ ma ħabibitha w hi reġgħet qaltlu biex jieqfu mir-relazzjonijiet sesswali għaliex qatt ma kienet ser titlaq lill-*partner* tagħha u dak li kien qed iseħħ ma kienx sew.[31] Madanakollu Xuereb ma riedx jaċċetta li r-relazzjoni tintemm: *"Hafna drabi, ircevejt messaġġi, ….. jghidli,* ***trid terga' tagħmel mieghi, akkost ta' kollox****. ….* ***rrid naghmel dak li jghidli hu.*** *Niftakar, fi Frar, kien qalli, ara Omissis, din ha tkun l-dahar darba, inweghdek, nahlef fuq uliedi, li mhux ha nghidlek tiġi aktar. Niftakar, dak inhar, jiena kont sick, imma hu ma jimpurtahx, u filghaxija, f'xi s-6 ta' filghaxija, tlaqt mid-dar u nzilt l-uffiċju tiegħu. Dawn l-affarijiet kienu jsiru fl-uffiċju tiegħu, Vincenti Buildings, u darba d-dar tiegħu. Darba biss kienet id-dar tiegħu, il-kumplament kienu l-uffiċju tiegħu.* ***Meta mort, insib, desk imdawwar, mhux bhas-soltu, b'lizar fuqu. Hassejtni qisni animal, diehel ghall-qatla. Kien jarani nibki, li ma rridx, kien jghidli, kompli mieghi, iftah saqajk, busni, aghmel hekk, missni …. Jiena nibki, u hu, anqas biss kien jimpurtah jiena minn xhix għaddejja. Kien jibqa' ghaddej ghal kollox.".***[32]

L-okkażjoni li tirreferi għaliha hija dik li ġiet *filmed* minn Xuereb <u>fl-20 ta' Frar, 2017</u> u li tinsab katalogata bħala **<u>CMZ08.</u>**

Tkompli tirrakkonta: *"In the meantime, jiena provajt nibqa' habiba miegħu, għax irrejalizzajt, illi ………… jekk ma nkunx habiba miegħu, ha jghamilli hafna aghar milli qed jghamel.* ***Xorta baqa' jsaqsini, allavolja jghidli li ha tkun ta' l-dahar, biex***

[28] Fol.35
[29] Fol.36
[30] *Ibid*
[31] Fol.37
[32] Fol.38

***jiena nibqa' mmur miegħu darba fil-gimgha****, anke meta kont inkun ma niflahx, u jekk meta kont inkun, jew bil-period, jew ma niflahx, kien ikun, jibda jigi aggressiv, jghajjarni, ….. kelli bladder infection, kien irrabjat għax kellhi bladder infection, …… , qalli wkoll, li jekk iridi, xorta jista' jgeghlni naghmel affarijiet ohra, mhux imbilli ghandi l-bladder infection, jista' jqabbadni nghamillu blow job, jista' jkollna x'naqsmu anal sex, ……Jiena kont nghidlu, inti ma thobbnix,* ***thobbni meta inti l-hin kollu tisforzani?*** *U tarani kif jiena għaddejja, nibki u nghidlek biex tieqaf? Qed tarani,* ***gieli bil-hwejjeg fuqi, lanqas irrid ninza****,* ***ghidtlu biex jieqaf*** *……kull darba li kont immur, inhossni, bl-affarijiet kollha li kont qed naghmel, li, kont, aghar minn qahba, u ghidtomlu kemm il-darba, dawn l-affarijiet. Li dawn huma affarijiet degredenti, u li, ammetta kemm il-darba fil-messaġġi minghandu, hawn hekk, I know…qalli kemm il-darba, urini bic-car, fejn* ***hu kien jaf, li jiena, ma rridhomx dawn l-affarijiet, imma kien xorta ha jsaqsini biex nghamilhom."*** Kien anke taha daqqiet fuq wiccha meta wasslitu sal-Furjana bil-vettura tagħha, *"Jiena, kont, il-hin kollu, għaddejja minn dan l-****abbuz*** *u ghidtlu wkoll kemm il-darba, li* ***jien kont għaddejja minn abbuz mentali u wkoll physical****, …..****Dan kien, każ, ta', hu kien qed jisforza lilu nnifsu fuqi, u dan jigi każ ta' rape.*** *Jigifieri, dan il-każ ta' rape, gara, gimgha wara gimgha, anka, meta ra, id-demm hiereg, anka meta, f'July, jiena kelli l-molliti, sa anka, urejtu l-mollijti, imma hu ma kienx jimpurtah, ra anke, id-demm fuq il-bank, u xorta jibqa' ghaddej, u rani, u* ***jibqa', jisforzani, jisforzani u jisforzani****."*[33]

Fl-istqarrija l-imputat ukoll jammetti li kien ra l-morliti, propju għaliex *"U wrietomli*[34]*";* evidenza tal-veraċità tax-xhieda minn tagħha!

Xuereb wasal jheddidha li jekk ma tagħmilx sess miegħu, jitlaq lit-tfajla tiegħu w din, b'ritaljazzjoni, kienet ser tikxifha mal-*partner* tagħha.[35] Minn hemm Omissis għażlet li tagħlaq il-*Facebook profile* tagħha, tbiddel it-toroq li solitament tgħaddi minnhom fil-Belt, il-mobile bdiet tħallieh *silent mode* u waqqfet toħroġ waħedha anke fil-*breaks* fuq ix-xogħol. L-ossessjoni tiegħu fuqha wasslu biex, mhux biss bdiet tbagħti hi bl-istil ta' hajja li kellha tikkonduċi biex ma tinqabadx li kellha relazzjoni miegħu, iżda saħansitra l-effetti bagħtihom ukoll binha li tħalla ghall-rieħu. Lil David *"****Ghidtlu kemm il-darba, li he's forcing me****, …..****Ghidtlu, you want me to do things I do not want****, because, qalli, you take it how you want …., ghidtlu, kif ma tithassarnix – qalli stop with all this shit, ghidtlu,* ***you're forcing me every week, qalli, I want you and I cannot help it….u jiena ghidtlu, li jiena, mhux il-hbiberija irrid inwaqqaf, imma, it-threats, li tisforzani, naghmel affarijiet kontra qalbi, ir-rape,*** *ghidtlu, jiena lilek qatt ma ghamiltlek hsara, u lanqas kont ha naghmillek, la qatt m'ghamiltlek vendikazzjonijiet u xejn. Jiena, kulma rrid, huwa , li lili thallini bi kwieti , nghix hajti , biex jien inkun nista' niehu hsieb xogholi , li huwa l-hobz tieghi , għax wara kollox, jiena ghandi r-*

[33] Fol.39-40
[34] Fol.180
[35] Fol.40

*responsabilita' tat-tifel, u biex niehu hsieb it-tifel. ….. **Ghidtlu, you can never love someone when you force her, to open her legs,** …… qalli wkoll, hafna drabi, **if I do get crazy, there will be the problem**. Ghidtlu, threat ohra? ……Qalli, you are trying to do everything, to stop with me, after one year, you start all this. Jien ghidtlu, **you have been pushing me and forcing me, from last September, of last year**. …… **Jerga' jinsisti, li we have to keep on fucking, and the problem will be solved. Jigifieri, li ma jiftahx halqu. Ghidtlu, jigifieri, jiena m'ghandix choice, imma, li nhallik tirrejpjani, tisforzani, jew titlaq lil Eli, u Eli, tiftaħ halqha**."*[36]

Omissis esibit numru ta' messaġġi li rċeviet mingħand Xuereb minn Awissu, 2017.[37] Din is-sitwazzjoni wasslitha biex tibda tbgħati minn anzjetà u *palpitations*, biża biex toħroġ mid-dar, fejn kienet tgħaddi l-jum kollu tibki *"hajti hassejtha li spiccat"*. Maż-żmien irrealizzat kemm Xuereb kien manipulattiv u giddieb.[38] Fl-aħħar iddeċidiet li tiltaqa' miegħu darba fix-xahar, iżda qatt ma qaltlu li riedet ikollha x'taqsam miegħu, anzi riedet jiltaqgħu barra iżda hu ried li jitlaqha fl-uffiċju tiegħu f'Vincenti Buildings. L-dahar li kellha x'taqsam miegħu kien fl-1 t'Awissu, 2017, u fit-13 t'Awissu, *"Hu bagħat, hafna messaġġi, fejn irid jghidli x'irrid naghmel, irrid naccetta, hawn hekk ghandi, kemm il-darba cempilli fuq il-mowbajl, dan il-messaġġi kollha, anka qalli, li ha jigi l-Gharghur, jekk jiena ma nwigbux. Fejn, **if you do not answer me, I will come to Gharghur, to search for you.** Fis-16 ta' Awwissu, mort filghodu l-ghassa tal-Pulizija tal-Belt, biex nara x'parir jistghu jaghtuni."*. Fis-16 t'Awissu beda jċempilha, imbagħad bdiet issibu jistenniha ħdejn l-uffiċċju. Irnexxielu jsir jaf l-*email* tax-xogħol tagħha w **bgħatilha *mail* fejn heddidha li jekk ma tiltaqax miegħu ser jgħid b'kollox lill-*partner* tagħha w semmielha li kellu dokumenti w ritratti x'jurih**.[39] Fit-30 t'Awissu bgħatilha *email* li biha wrieha li jaf fejn toqgħod u heddidha li jekk ma tiltaqax miegħu dakinhar filgħaxija kien ser ikellem lill-*partner* tagħha. Ratu fl-inħawi w ma kellmitux. Bagħat *email* oħra fejn ilmenta li ma kellmitux u bgħatilha ritratti ta'sidirha w staqsiha ridietx li jurihom lill-*partner* tagħha. Saret taf li kien anke prova jieħu c-ċwievet tal-vettura tagħha mingħand il-*parker* tal-Foss iżda l-*parker* kien ġa ġie avżat minnha biex f'każ li jiġri hekk iċ-ċwievet ma jtihom lil ħadd. [40]

Imbagħad oħtha, qaltilha li David bgħatilha *friend request* u jumejn wara għamel l-istess mal-*partner* tagħha. Oħtha rċeviet messaġġi w ritratti tagħha tagħmel is-sess ma Xuereb mingħand dik li wara skoprew kienet it-tfajla ta' Xuereb, *"hemm **videos, tieghi, li hu kien izomm, videos, li anqas biss, kelli idea li kien qed jiehu**. Jigifieri, dan ir-ragel, apparti li kien qed jaghmel dawn l-affarijiet kollha lili, kien qed*

[36] Fol.41-42
[37] Fol.41. Vide messaġġi f' **Dok.MCA** u **Dok.1-Dok.14** a fol.58
[38] Fol.42
[39] Fol.43-44
[40] Fol.44

*jagħmel anka videos, jigfieri* ***kellu f'moħħu biss, dan ir-raġel, li jeqridli ħajti. U l-videos ħargu, sirt naf bihom, meta rċevejt dawn ir-ritratti**."*. Hemmhekk iddeċidiet li tagħmel rapport l-Għassa l-Belt.[41]

Fit-trattazzjoni tagħha l-abbli difiża tipprova tqanqal dubbji dwar ir-raġuni għaliex Omissis ma għamlitux qabel ir-rapport kontra Xuereb. Hu propju f'dan il-bran li tinsab it-tweġiba: Omissis kienet lesta tkompli tissokkombi għad-degradazzjoni bla limitu li Xuereb kien kapaċi jinfliġġi fuqha akkost li tħalli r-relazzjoni mistura, iżda ġaladarba ndunat li qed jintbagħatu ritratti lill-familjari, intebħet li l-isforzi tagħha sfumaw fix-xejn għaliex xorta kienu ser isiru jafu! [42]

Tixhed dan dwar l-istat li kienet tkun fih meta tiltaqa' ma David Xuereb, *"L-uffiċju tiegħu, nafu bl-amment, għax mort gimgha wara gimgha wara gimgha, naf ezatt, kif kien l-uffiċju tiegħu, naf ezatt fejn konna, fejn kien ipoggini biex ikollu x'jaqsam mieghi. Naf li kien ikollu l-kompjuter miftuh , diski , …..**kont immur hazin, nibki , nibki qabel , nibki dak il-hin , nibki wara** . …. jiena spiccajt, vittma ta' dan ir-ragel."*[43] In kontro-eżami tispjega kif il-messaġġi li beda jibgħatilha David kienet tibgħathom lil Omissis 1 li żammithom hi iżda kienu flimkien biex saru l-*print-outs* tagħhom.[44] Semmiet kif fost messaġġi li tħassru kien hemm konversazzjonijiet kordjali għaliex il-problemi jinqalghu meta kien ikun irid li jsir sess bejniethom.[45] Itenni li fil-bidu r-relazzjoni sesswali tagħhom kienet waħda konsenswali, *"Hu ma sforzanix u , jien , ma sforzajtux , kien hemm kunsens bejn it-tnejn , u jien dan qatt ma chadtu. Dejjem ghidt, li dak li ghamilt, ghamiltu għax ridt naghmlu. Pero', mal-ewwel irrejalizzajt, li, iridu jiefqu dawn l-affarijiet. Fil-fatt,* ***xahar wara, provajt inwaqqaf dan l-affarijiet, imma rrejalizzajt illi ma stajtx."***[46]

Mill-verbal tas-seduta tal-20 ta' Settembru, 2017, jirrizulta li Omissis identifikat lill-imputat bħala l-persuna li tirreferi għalih fid-depożizzjoni tagħha. Kif intqal ġew esibiti l-messaġġi li jissemmew fid-depożizzjoni tagħha.[47] Tkompli *"he was never my boyfriend and I told him many times that he was never my boyfriend and that he will never be my boyfriend…ma tistax ikollok boyfriend jew partner li jheddek u jgeghlek tagħmel affarijiet"*.[48] David kien ikun jaf fejn ser tkun għaliex kien ikollha tgħidlu għaliex kien persistenti fid-domandi tiegħu biex ikun jaf fejn sejra jew

---

[41] Fol.45
[42] Fol.122
[43] *Ibid*
[44] Fol.51-52
[45] Fol.55-56
[46] Fol.57
[47] **Dok.MCA Dok.1** sa **Dok.14** a fol.58
[48] Fol.112

fejn tkun qegħda, tant li kien jirrabja jekk ma tgħidlux.[49] Quddiem in-nies qatt ma heddidha, *"hu ried li **jbezza lili**, mhux li jbezza nies ohra"*.[50] Baqgħet ħbieb ma David għalkemm riedet twaqqaf ir-relazzjoni minħabba li f'kull tentattiv tagħha biex twaqqafha, David kien ***"baqa' il-hin kollu, jheddidni***, *….* ***Dan ma stajtx nghidlu jien ma rridx inkellmek iktar, ma rridx narak aktar b'ghajnejja, il-biza tant kienet tahkimni, li eventwalment, kelli bi sforz nibqa' habiba miegħu".***[51] Tispjega li l-biża kienet minħabba li kien jheddidha li ser jikxifha mal-*partner* tagħha w anke heddidha li ser imur fuq il-post tax-xogħol tagħha. Fil-fatt eventwalment **hekk għamel** u kien imur ħdejn il-post tax-xogħol tagħha, jibgħatilha *emails* fuq il-post tax-xogħol *"a skapitu li stajt nitlef il-job tieghi,* ***heddidni, u hemm provi, li ha jigi jfittxni l-Gharghur, jigifieri kien hemm it-theddid il-hin kollu****"*.[52] Tikkonferma l-*print outs* ta' messaġġi w *emails* mibgħuta lilha minn Xuereb[53] bl-annotamenti li saru minnha w minn Omissis 1 *"dawn kont printjajthom ix-xogħol jiena u Omissis 1….. Mieghi kienet meta ghamilthom dawn l-affarijiet.* ***…*** *I was in a state li ovjament she was helping me out."*[54]

**Charmaine Zammit** minn Vodafone tikkonferma li l-linja ta' Omissis ġiet *disconnected* fit-12 ta' Settembru, 2017,[55] ħamest ijiem wara li sar ir-rapport mal-Għassa tal-Belt.[56]

Fir-rapport[57] ta' **Dr. Martin Bajada** tinsab il-korroborazzjoni ta' dak li xehdet Omissis. Id-data li nġabret mill-espert ġiet kkonfermata bil-ġurament mis-*service providers* infushom.[58] L-evidenza kollha li ssir riferenza għaliha fir-rapport ġiet esibita bl-Exhibit No. **KA45/2020**.[59]

Ma hemmx dubbju dwar min kien qed jibgħat dawk il-messaġġi tenut kont li fir-rapport ittieħdu *screenshots* tal-messaġġi minn fuq il-messenger, whatsapp u *emails.*[60] Dawn il-messaġġi jinkludu dawk li ġew esibiti minn Omissis w kkunsidrati aktar il-fuq.[61] Għalkemm hu minnu li Omissis tkompli tikkonversa ma Xuereb, il-messaġġi tagħha kollha juru li hi ma tridx li tkompli tiġi sfurzata

---

[49] Fol.114
[50] Fol.116
[51] Fol.118-119
[52] Fol.119
[53] Fol.529
[54] *Ibid.*
[55] Fol.544
[56] Fol.10
[57] **Dok.MB** a fol.303 *et seq*
[58] Fol.443-447
[59] Fol.515-524
[60] Fol.388-
[61] **Dok.MCA** a fol.58

biex tmur miegħu. Xuereb jhedded li ser jikxifha ma Omissis 3 ***"You want me to show him these....And i have more to send you....Omissis I also have the texts that we exchange between us....I have all the docs and the pics to show him"***[62]

Kontenut tal-Messaġġi[63]

Il-kontenut tal-messaġġi (li jinsabu f'*envelope* a fol.58 tal-proċess esibiti minn Omissis) joffru mhux sempliċi tieqa, iżda panorama sħiħa, fuq dak li kienet għaddejja minnu l-vittma. F-istess ħin juri l-animu malinn ta' Xuereb li ma jibqax lura milli jheddidha f'kull opportunita` li tiġi biex jassigura li jibqa' jieħu li jrid minnha. Sa mill-1 t'Ottubru, 2016, jibdew messaġġi ta' theddid w intimidazzjoni:

- *"I will show all your texts and phone calls to him…I got all his details mobile address everything….* ***You do not be with me but you will be with no one."***[64]

- ***"You always refuse to meet me for the last time…. if I want to ruin you know how and I will be the most nusty [recte: nasty] and savage man on earth I know what im saying****…LOVE YOU LOADS XXXXX David N Xuereb xxxxx"*[65]

- 17/02/2017, fuq *whatsap profile* bir-ritratt tal-imputat, meta Omissis tgħidlu *"U are* ***making me afraid u gibtni hazin****"* jwieġeb *"enjoy bye Omissis …You are such an asshole".*[66]

- Fl-20/2/2017 tgħidlu li kellha lejl ħażin *"All the time waking up with nightmares…You don't love me….* ***How can you force me to do it against my will****…I count for nothing for you ax kieku I did you accept li I cannot do it…****you are pushing me to do things against my will.*** *Taf li ghandhi tifel x'niehu hsieb alfejn qed taghmilli hekk… qed tara li jien ma nistax you should accept it mux force me.****it is wrong li you keep forcing me*** *that's why I asked you to get professional help…How can you expect me to be the same when I see you* ***instead of accepting li I cannot u keep ignoring me and want to have sex".***[67]

---

[62] Fol.388-389
[63] Fol.58
[64] Fol.8
[65] Fol.9-10
[66] Fol.15
[67] Fol.17-20

- Minn fuq numru 77058800 messaġġ mibgħut fit-13 Awissu, 2017, 16:47 hrs: *"I asked you that once a month is to long I asked you for twice am month għax I'm getting crazy I know that I am going to meet you only once a month…Go there and read all texts pls and answer me before 17.15…I explained to you how things is going to be between us ok.. And that is how its going to be …and pls do not say nothing"*[68]

Jiġi sottolinejat li fil-kors tal-istqarrija rilaxxata minn Xuereb, hu jikkonferma li dan in-numru 77058800 *"dak li kont nuza x-xogħol"*.[69] Għalhekk m'hemmx dubbju li Xuereb kien qed jibgħat dawn il-messaġġi**.**

- Mill-istess numru nhar l-14 t'Awissu, 2017, mis-2:15pm sal-15 t'Awissu, 2017, fit-08:08hrs jinstabu xejn anqas minn 11 *missed call* u messaġġi li jżidu fl-intensita` w persistenza fejn jasal jibgħatilha *"If you don't send me after 18:30 I come to gharghur bye…..**If you do not answer me I will come to gharghur to search for you so I will know if something happen to you or I phone Omissis 3 to ask him if something happen to you"**.*[70]

**Minaċċja vera w propja li turi l-prepotenza li Xuereb kellu fuq Omissis!!**

- *E-mails* mibgħuta minn ċertu David Nicholas Xuereb (minn fuq l-indirizz davenicx@gmail.com)[71] bejn id-29 t'Awissu, 2017, u t-30 t'Awissu, 2017, jgħidilha li biddel xogħolu w in-numru tal-mobile għal 99774173 u jekk ma tiltaqax miegħu kien ser jiltaqa' ma Omissis 3 waħdu w jurih dokumenti u ritratti. Jinfurmaha li anke l-*exchanges* ta' bejniethom kien ser jurih *"so he will know what we discussed between us…I hope you understand my position"*.

**Rikatt ċar w inekwivoku!!**

- Wara li jidher li raha w ma kellmitux, talabha tiltaqa' miegħu għaliex inkella kien ser jiżvela kollox lill-partner tagħha *"believe me **if you do not meet me you loose him** .... Bye Omissis if you do not me {sic} that I am going to tell him you are wrong **by this week he will know everything."***[72] Sensiela ta' *whatsap messages* li jibdew mill-5 t'Awissu, 2017, bejn Omissis u 'Quick Pri' – li rriżulta reġistrat fuq in-numru tax-xogħol ta' Xuereb 77058800[73] -

[68] Fol.29
[69] Fol.166
[70] Fol.35-34
[71] Fl-istqarrija minn tiegħu Xuereb jikkonferma li dan hu l-email address tiegħu, a fol.151
[72] Fol.35-36
[73] Fol.29-34

juru l-intensita` t'emozzjonijiet ta' ***"dave"*** fejn dan saħansitra jammetti li qed jiddejjaq jaraha fl-istat li kienet iżda ma jeskludix li ***"I do not exclude that I will do not ask if I really do miss you****…I am in love with you and I miss you loads".* Tinformah li *"I am honestly shaking….Ax taf kif tamilli"*.[74]

- Fost il-messaġġi nsibu l-konferma ta' dak li kienet ssostni Omissis fix-xhieda tagħha fejn jidher biċ-ċar kemm il-darba qaltlu li kienet qed tiġi **stuprata** minnu, meta jibgħatilha ***"And stop telling me that I rape you"*.**[75] Turih biċ-ċar li hu kien qed ġġiegħelha tmur miegħu w jisfurzaha ***"And u force me….U want me to do things I do not want…ma nistax nifhem kif ma tithassarnix…Cos u force me every week Like a whore And nothing else"***[76] Jgħidilha bla tlaqliq li jekk jitlaq lil Eli, hi kienet ser titlef lil Omissis 3 għax *"I want you and I can not help it"*.[77] Hemm iktar istanzi fejn t'urieh biċ-ċar li ma tridx affari iżjed miegħu għaliex ***"U make me do things I do not want….Threatening me, forcing me…Blocking me"***[78] **u *"U can never make love to someone u force to open her legs… "*.**[79]

- Mid-diskorsata tat-8 t'Awissu, 2017, jidher mingħajr dubbju kemm kienet verament tibża minnu w fejn kienet tiltaqa' miegħu biss għaliex kostretta minħabba li kemm il-darba ma taqtax xewqtu, hu kien ser jagħraf b'kollox lil Omissis 3. Kliemha huma ta' persuna viċin dispratament meta hu stess jammetti ***"You are trying to do everything to stop with me*** *and after 1 year you start all this"* fejn hi mill-ewwel tirrispondih:

- ***"U have been pushing me and threatening me from sept of last year…biex tohodni tisfurzani****…How can I leave you I was never with you….****you are raping me Ax u force me****…****Li igelni nigi bilfors ax inkella jinqala l inkwiet..I have to come do u stay raping me or Omissis 3 will know****….****Mela stop doing it And forcing me Ax la u know I don't want It's forcing….And forcing and threatening is raping Biex tara km nigi ax imbezza ax u threaten me…Naf li ha tisfurzani u tridni nigi noqghod kwieta waqt li nhallik..I have to com …let u rape me….you made me bleed And while crying Like I'm an animal U have no love…hlief tisfurzani u tbezzani ma ghamiltx…*** *Jn ghidtlek iqaf* ***….Imbilli tbezzani mintiex qed tieħu xejn hlief lili nibki u nghajjat..U tisfurzani……, "Kompli wegani, kompli sfurzani, kompli arani mdejqa Kompli***

[74] Fol.49
[75] Fol.50
[76] Fol.50-51
[77] Fol.51
[78] Fol.52
[79] Fol.54

***ghajarni, kompli thretinjani**, kompli arani mhix f sikti li anqas ikolli aptit lil ibni…**Tlabtek bil-hniena u nibki biex tieqaf"**.* [80] Ir-risposta tiegħu tiżvela bniedem mneżża minn kull ombra ta' umanità, bierda għall-emozzjonijiet u xprunata minn istint animalesk biex jinqeda sesswalment: *"Say whatever you want I'm asking for once a month we meet that's all*[81] *……..* ***…It's not a problem once a month*[82] *….I just asked you for once a month and you don't*[83]*….I said you have to accept once a month*[84]*".***

- Iżda li jissoggettaha għal trattament daqshekk krudili, degradanti w inuman darba f'xahar ma kienx biżżejjed għalih għaliex sa ħamest ijiem wara, propju fit-13 ta' Awissu, 2017, jinsisti li jiltaqaw darbtejn f'xahar jew kull ħmistax *"And just to tell you **from now, one time in a month is to long to meet we should meet twice a month every fifteen days**…**For me if we meet twice a week is fine** ok my Love".*[85]

**Omissis 1** tixhed li saret ħbieb ma Omissis fl-2016 meta bdew jaħdmu flimkien. Iltaqgħet l-ewwel darba mal-imputat f'Lulju, 2016. F'Settembru, 2016, Omissis irċeviet bukkett fjuri w brazzuletta fuq il-post tax-xogħol u malli rathom bdiet tibki *"she was very upset"*. F' Settembru, 2016, fil-ħin tal-*break* marret ma Omissis jieħdu kafè għand Cordina meta bdiet tirċievi SMSs mingħand David li beda jinsisti biex jiltaqa' magħha; kellha taċċetta w mar ltaqa' magħhom.[86] Omissis irrabjat meta dan beda joħdilha ritratti bil-mobile. Wara niżżlu biex jiġbru ċ-ċavetta tal-vettura ta' Omissis li kienet il-Foss u baqa' miexi magħhom sa tarf Strada Stretta. X'ħin ma baqax magħhom Omissis qaltilha kemm kien qed ddejjaqha w jitlobha tiltaqa' miegħu fil-ħin tal-*break*. Fit-30 ta' Settembru marru ġurnata fi *spa* u minn meta marret tiġborha filgħodu kien ġa beda jibgħat numru ta' messaġġi. Hi nfurmatu li mhux ser ikun hemm *phone reception* biex twieġbu iżda wara li ħarġu mill-*spa* sabet numru ta' messaġġi w bdiet t'inkwieta. Sa tard filgħaxija meta kienu għadhom flimkien dawn il-messaġġi baqgħu deħlin, *"ma waqfux jigifieri"*. F'Ottubru, 2016, ħarġet ma Omissis u oħtha Omissis 2 għal *drink* il-Belt u wara ftit hin mar fuq il-mejda tagħhom l-imputat u baqa' magħhom il-ħin kollu *"he just basically invited himself on our table and he stayed there uninvited"*.[87] Omissis wrietu li ma ħaditx pjaċir bih u bdiet twaqqaw

[80] Fol.55-59
[81] Fol.59
[82] Fol.61
[83] Fol.65
[84] Fol.69
[85] Fol.72
[86] Fol.65-66
[87] Fol.67

għaċ-ċajt quddiemhom.[88] Meta Omissis kellha bżonn tmur il-*bathroom* David ried imur magħha w hi ma riditx. Wasslitha d-dar w ilmentat kif David kien il-ħin kollu jrid ikun magħha. F'Novembru, 2016, ħarġu ma kollegi tax-xogħol u David ġie w poġġa quddiem Omissis. Rat kif David beda jmissilha idejha *"hi ovvjament nehhiet idejha, she removed her hand instantly"*.[89]

Ix-xhud tkompli: *"U mbghad wara ftit, u wkoll kont* ***rajt messagg ukoll li kien bghat lil Omissis bl-ewwel threats. ……qallha li 'ghandi l-messaġġi kollha tieghek u t-telefonati u ha jmur jurihom lill-partner tagħha.' Jaf id-details kollha tal-partner tagħha u 'if you do not be with me, you will be with no one****.' … …… that was November two thousand sixteen (11/2016). Issa, in the meantime, basically throughout the months, Omissis bdiet tircievi hafna messaġġi minghand David u telefonati. …meta nkun magħha dejjem fuq il-mobile. Iccassata fuq il-mobile, dejjem tibghat il-messaġġi. Tohrog il-barra, l-hin kollu sejrin hekk. imbghad she started passing on certain messages for me to keep. Certain sms bdiet tibghathom lili, biex inzommhom jiena…Biex izommhom prova għax hi ma' tistax izomm il-messaġġi kollha fuq il-mobile tagħha, minhabba l-partner tagħha. Jigifieri bdiet tibghathom lili biex inzommhom jiena….Biex hi mal-ewwel tikkancellahom. …..She's always nervous, she is always on edge. Very stressed out. Hafna paranoid. Nohorgu barra fil-break, il-hin kollu thares l hemm u l hawn. Il-hin kollu taqbad il-mobile u ticcekkja l-mobile. Xi darba niftakar ippruvajt indahaqha u qaltli biex ma' noqghodx indahhqha barra, għax jekk jaraha David, David jahseb li she laughs only with other people and with him no, għax hekk kien qallha[90]…..We used to walk out of the office, dejjem irid ikun x' imkien fil-vicinanzi.[91]…. Malli nohorgu ghall-break, dejjem insibuh x' imkien. Jew up the road, jew round the corner. Dejjem x 'imkien. Kull darba li nohorgu, lil dan irridu narawh, any time of the break, we see him[92]….Ma' nghaddux minn ċertu toroq to avoid seeing him. We used to go down to Exiles, he used to be there. U* ***darba we caught him, jiehu r-ritratti ta' Omissis****. Darb' ohra hrigna mill-uffiċju ghall-break, bdejna mexjin, ftit metres away from the office, hu hadilna ritratt, jiena u Omissis, minn wara. Sirna nafu għax imbghad wara, hu bghat il-messagg lilha bir-ritratt. U hi kienet urietuli r-ritratt…."*.[93]

Ix-xhud tirrakkonta kif f'Awissu, 2017, meta kienet ma Omissis din rċeviet messaġġ mingħand David, *"Kont magħha. She was hysterical, she was really petrified, she started crying, bdiet tirtghod, diehla u hierga t-toilet bid-diahorrea, qaltli: "Li dan David ha jgennini. Il-hin kollu jibghatli l-messaġġi," u suppost he didn't send her messages for a while. U xorta bghat il-messaġġi. Jiena ppruvajt nikkalmaha, u wara*

---

[88] Fol.67-68
[89] Fol.68
[90] Fol.69-72
[91] Fol.72
[92] Fol.73
[93] Fol.73-74

*ftit hi rrispondiet il-messagg tiegħu, qaltlu li she is very unwell u wara dak il-messagg waqfet tibghatlu l-messaġġi u tirrispondi l-phone calls tiegħu. She decided that from then onwards, she stops all contact with him.".*[94] Iddeċidiet li ma tirrispondix aktar messaġġi w telefonati mingħandu iżda dan wassal għal *stalking* tagħhom. Ix-xhud tkompli kif darba fost l-oħrajn wara li daħħlu lura mill-*break* fejn kienu raw lil David bilqegħda fuq mejda kantuniera bogħod mill-uffiċju tagħhom, bagħat ritratt lil Omissis ta' sidirha fuq l-*email* tax-xogħol tagħha. Dan wassal sabiex f'Awissu, 2017, [95] il-*general manager* tal-ufficcju tagħhom ġie mitlub jimblokka l-*email address* ta' David.[96] F'dik l-email David **hedded lil Omissis li kien ser juri r-ritratti tagħha lill-*partner* tagħha**. Dan l-inċident kif ukoll il-fatt li oħt Omissis, Omissis 2, rċeviet *videos* u ritratti kompromettenti ta' Omissis fuq Facebook, wassal sabiex Omissis ippanikjat, kellmet avukat u sar rapport mal-Ispettur Jeffrey Scicluna.[97] Kien biss l-għassa li saret taf dak kollu li għaddiet minnu Omissis għax ftit li xejn kienet titkellem magħha fuq hekk.[98] Il-messaġġi li għaddiet Omissis żammithom fuq il-mobile tagħha kif ukoll intbagħtu fuq l-*email* tagħha biex iżżommhom. Meta marru għand il-Pulizija dawn ġew ikkupjati fuq *pendrive* w ġew stampati wkoll.[99]

Fl-atti tinsab <u>konferma ta' dawn il-messaġġi</u> kemm minn Omissis *"Dawn huma ftit mill-messaġġi li ghandhi u ha nhallilkhom kopja tagħhom"*[100] kif ukoll minn Omissis 1:[101] *" ….Dawn huma l-messaġġi kollha li Omissis kienet tibghatli, mhux messaġġi screen shots li kienet tircievi minghand David Xuereb u kienet tghaddihomli fuq il-mobile tieghi. U l-konversazzjonijiet ukoll li kont inzomm jiena, kont inzomm kollox fuq il-mobile, umbghad I started extracting and printed them and gave copies to our lawyer and to the police.".*[102] Omissis kienet tibgħathomlha dak il-ħin li kienet tirċevihom.[103]

---

[94] Fol.75-76
[95] Fol.525
[96] Fol.80
[97] Fol.81
[98] Fol.83
[99] Fol.90
[100] Fol.41
[101] Vide ukoll xiehda a fol. 69-71 *"imbghad she started passing on certain messages for me to keep. Certain sms bdiet tibghathom lili, biex inzommhom jiena….. Biex izommhom prova ghax hi ma' tistax izomm il-messaggi kollha fuq il-mobile taghha, minhabba l-partner taghha. Jigifieri bdiet tibghathom lili biex inzommhom jiena.";* Fol. 74 u 82 *"Imbghad they were passed on to me"*
[102] Fol.532-533
[103] Fol.534

**Omissis 2,** oħt Omissis, ukoll tikkonferma messaġġi li ntbgħatu lilha minn David Xuereb.[104] F'Ottubru, 2016, għamilha *friend request* u beda jibgħatilha messaġġi fuq Omissis biex tipprova tikkonvinċi lill-oħtha li hu kien idejali għaliha.[105] Wara baqa' dejjem jibgħatilha anke bil-lejl biex tkellem lill-oħtha tant li bdiet tiddejjaq *"Dejjem fuq ohti, iva dejjem fuq ohti"*.[106] Spjegat kif f'salt wieħed oħtha inbiddlet totalment, l-atteġġjament tagħha inbidel mil-lejl għan-nhar, dehret mifxula. Qaltilha kif David kien qed itiha fastidju, issibu jistenniha meta tispiċċa x-xogħol u jibgħatilha messaġġi inkluż ta' theddid.[107]

**WPC308 Kimberly Camilleri** xehdet dwar kif ġie arrestat l-imputat kif ukoll ċertu Eli Velikicovic, li meta rriżulta li kienet hi li bagħtet *screenshots* lill-oħt Omissis ta' *stills* kompromettenti tagħha ma Xuereb, ġiet mressqa l-Qorti w sentenzjata fuq tixrid ta' materjal pornografiku.[108]

Stqarrija tal-imputat David Xuereb

Xuereb stqarr li kien f'relazzjoni ma Omissis minn Awissu, 2016, sa Lulju, 2017, meta din temmet ir-relazzjoni peress li kellha *boyfriend*.[109] Kien jaf dan mill-bidu iżda hi kienet konfuża dwar jekk titilqux jew le. Qatt ma kellem lill-*partner* tagħha iżda jaf min hu għaliex urietu ritratti tiegħu. Kien jaf li jismu 'Omissis 3' *"għax Omissis 3 tiela u niezel"*.[110] Jiċħad li r-relazzjoni ma kienitx konsenswali w jgħid li sal-aħħar kienet konsenswali inkluż fejn tidħol l-attività` sesswali.[111] Jikkonferma li meta Omissis riedet twaqqaf ir-relazzjoni hu baqa' jinsisti li jibqgħu flimkien għax kien iħobbha.

Għalhekk ftit jagħmel sens dak li ttanta jagħmel l-imputat meta tella' bħala xhieda in difeża lil ommu[112] u lil Edwin Buttigieg[113] bl-iskop li jgħidu li kien hu li ried iwaqqaf ir-relazzjoni! Eżempju ta' kif il-**giddieb ghomru qasir** għaliex ikun nesa' l-verità fit-tentattiv li jgħawwigha. Tant ma riedx jispiċċaw li wasal heddidha biex tibqa' miegħu. Din is-silta mill-istqarrija tiegħu tixhed dan:

> *"**L-Ispettur John Spiteri**: Li fl-ahhar riedet tipprova twaqqaf din ir-relazzjoni li kellha mieghek u inti bqajt tinsisti li tibqghu flimkien.*

[104] Xiehda a fol.565 re **Dok.9** a fol.58
[105] Fol.125
[106] Fol.126-127
[107] Fol.128
[108] Fol.135-136
[109] Fol.134
[110] Fol.155
[111] Fol.156
[112] Fol.698 *et seq*
[113] Fol.686 *et seq*

***David Xuereb****: Ovvja, għax sirt inhobba.*

***L-Ispettur John Spiteri****: Theddida li ha tikxifa lill-partner li ghandha tagħha jekk ma jkollkomx x'taqsmu flimkien jew jekk ma tiltaqghux.*

***David Xuereb****: No, ridta tibqa' tiltaqa' mieghi jien,* ***ghidtilha mqar tibqa' sakemm intaffi, tiltaqa' jumejn fix-xahar mieghi jew darba jew darbtejn fix-xahar u ma riditx****. That's all imma jien ma ghamiltiex biex tiltaqa' mieghi ghas-sess......M****hux heddidta, ghidtilha issa nghidlu biex ikun jaf mhux imma theddid. Qatt m'heddidta jien, just kem ghidtilha li ha jkun jaf****.*

***L-Ispettur John Spiteri****: U gieli kont tghidilha li ha tiltaqa' magħha l-Gharghur u ?*

***David Xuereb****:* ***Ehe, fl-ahhar bghattila xi messagg hekk, ehe veru****, li ha niltaqa' magħha l-Gharghur għax pruvajt inkellima u* ***ma riditx tkellimni****......".*[114]

Imbagħad meta jixhed *viva voce* jasal jammetti *"Filli kienet qed tkellimni u filli wafqet kollox minn naha tagħha* ***mhux minn naha tieghi****"*.[115]

Jikkonferma l-*email address* tiegħu davenicx@gmail.com[116] u l-*email* mibgħuta minnu fit-30 t'Awissu, 2017, u jgħid dan għamlu għax ma riditx tiltaqa miegħu. Meta jiġi moqri l-komunikazzjonijiet mibgħuta minnu, li fil-fehma tal-Qorti m'hemmx dubbju huma kkargati kollha theddid li ser jikxifha mal-*partner* tagħha, jibqa' jiċħad li heddidha! **Xuereb jammetti li hu bagħat il-messaġġi li ġa saret riferenza għalihom aktar il-fuq u li ssemmew minn Omissis.**[117] Dwar ritratti intimi tagħha jgħid li dawn jinsabu *saved* f' *hard disk* li ġiet elevata mill-pulizija *"Baghthomla, kollox bghattilha"*.[118]Hekk kif jiġi kkonfrontat b'messaġġi mingħand Omissis, fejn din ċar u tond turih li tmur miegħu għaliex jisfurzaha, jerga' jonqos milli jagħti xi spjegazzjoni li għandha mis-sewwa.[119] Minflok l-istqarrija tiegħu toffri dikjarazzjonijiet inkreduli meta jasal jgħid li minkejja li Omissis kienet tkun dejjem miġugħa meta jiltaqaw, xorta kienet hi li tinsisti li jkollhom x'jaqsmu bejniethom saħansitra anke meta kienet qed tbati minn kundizzjoni fil-parti tagħha li tikkreja uġigħ w skomfort; eżempji huma meta kienet miġugħa bil-*haemorroids* u meta kellha *bladder infection*.[120] L-ispjegazzjoni li joffri għaliex Omissis kienet tibqa' liebsa ħwejjigha meta jkollhom is-sess, kienet għaliex kienet "*għax kienet tkun mghaggla, tkun trid titlaq ghat-tifel, tkun trid*

[114] Fol.156-157
[115] Fol.604
[116] Fol.151
[117] Fol.159-161
[118] Fol.161
[119] Fol.167-169
[120] Fol.180-182

*titlaq biex tiltaqa' ma Omissis 3 u kollox, għalhekk ma kinitx tinza mhux għax ma kinitx tkun trid tinza. ......".*[121]

Hu minnu li kellha għaġla Omissis iżda, kif juru l-filmati, dik l-għaġla kienet biex titlaq il-barra mill-uffiċċju w teħles mill-ħakma tiegħu mqarr jekk għal ftit żmien. Dan kienet tagħmlu bil-għan li tissodisfa iż-żina tiegħu anke jekk kontra qalbha, l-aqwa li teħles minnu għall-perjodu qasir, sakemm jerġa jitlebbleb ghaliha!

Xuereb irid jitwemmen li l-filmati saru bil-kunsens ta' Omissis. Din forsi hi l-ikbar **gidba sfaċċjata li din il-Qorti qatt ltaqghet magħha**, tenut kont li kien l-istess imputat li provda l-provi li jikkontridixxu inkonfutabbilment id-dikjarazzjoni tiegħu: *"jien ma Omissis ghamilt kollox bil-kunsens tagħha. Qatt m'ghamilt xejn minghir il-kunsens tagħha. [inkluz il-videos, naqblu?]....Kollox, from A to Z........ Dejjem bil-kunsens tagħha."*[122]

Huma dikjarazzjonijiet simili, ssiġġilatti bil-provi diretti li provda l-imputat stess bil-filmati li ġew meħudha minnu, li jaslu biex jippruvaw il-każ tal-prosekuzzjoni w jimminaw id-difiża tal-imputat:

X'raġuni hemm għall-persuna li taf li qed tiġi *filmed* li lanqas darba ma tħares lejn il-camera? Li ma tkunx preżenti meta din tinxtgħel?[123] Li tul il-*recording* tibqa' mbezza, mbikkma, tibki, mnezza mhux biss minn ħwejjiġha iżda mid-dinjita` tagħha? Kif lanqas Xuereb ma jagħmel aċċenn ghall-filmati li skond hu inġibdu bil-konsapevolezza tat-tnejn?

Wiċċ Omissis mhux dak ta' mara tipparteċipa attivament f'attività sesswali, iżda mara passiva **rassenjata** li qed tintuża w tiġi sfruttata biex tissodisfa l-istinti aberranti ta' David Xuereb. **Lanqas l-ikbar atturi tad-dinja ċinematografika ma huma kapaċi jagħtu wirjiet simili!!**

**David Xuereb** għażel li jixhed u spjega kif iltaqa' ma Omissis xi tlett snin qabel meta marru jieħdu kafè` flimkien u bdew jikkomunikaw ma xulxin b'messaġġi w telefonati.[124]Bdew jiltaqgħu kull ġimghat l-uffiċċju tiegħu f'Vincenti Buildings wara nofsinhar fil-ħin tal-*break* tagħha, kif ukoll marru jieħdu kafè` f'post jew ieħor u ġieli ltaqgħu l-baħar. Omissis ma kienitx *single*. Fl-uffiċju kien ikollhom relazzjonijiet sesswali. Jgħid li Omissis kienet tmur għalih id-dar il-Floriana w twasslu x-xogħol.[125] Dwar l-inkontri magħha jgħid li kienet tmur

---

[121] Fol.181

[122] Fol.199

[123] Per **PS1335 Duncan Schembri** a fol.227 u per **WPC278 Sherona Buhagiar** a fol.215

[124] Fol.599

[125] Fol.600-602

volontarjament u kienet tgħidlu li ser tispiċċa minn mal-*boyfriend* tagħha w drabi oħra li ma tridx tispiċċa minn miegħu.[126]Wara li kienu ilhom flimkien madwar sena jew tlettax il-xahar, Omissis qabbdet u waqqfet kollox *"Filli kienet qed tkellimni u filli wafqet kollox minn naha tagħha* ***mhux minn naha tieghi****"*.[127]

Xuereb jixhed li ma jafx għaliex Omissis waqqfet tkellmu! Dikjarazzjoni li ftit tista' titwemmen meta hemm litanija sħiħa ta' messaġġi li juru bla ebda ekwivoku kemm kienet ilha mdejjqa miegħu, iżda baqgħet tiltaqa' miegħu minħabba t-theddid u r-rikatt tiegħu. Dwar il-filmati jgħid li kien juża *ipad* mqiegħed faċċata tagħhom[128] u kienet l-ideja tat-tnejn li huma li dawn isiru *"kienet taf bih hi ukoll…100 per cent li kienet konxxja tiegħu"*[129] u dan minkejja li l-filmati juru li meta tinxtgħel il-camera Xuereb kien ikun waħdu qabel ma tasal Omissis, it-tnejn li huma qatt ma jħarsu lejn il-camera, anzi kemm il-darba joħorġu *out of vision*. Altru` li halliha moħbija l-camera fejn drabi jidher jirritorna lura l-uffiċju meta jkun nesa' jitfiha!

Mitlub jgħid għaliex Omissis kellha tagħmel tant allegazzjonijiet dwaru, meta skond hu qatt ma sfurzaha tmur miegħu, Xuereb jgħid *"Ma nafx x'kellha f'mohhha jiena u ma nafx x'inhi, ghadni sal-lum ma nafx x'inhu, xi trid tagħmel?"*[130] In kontro-eżami tkompli tfeġġ l-inkonsistenza tal-imputat[131] u kemm ix-xhieda tiegħu m'għandhiex mis-sewwa, tenut kont anke tal-fatt li fuq il-pedana ma dehret l-ebda spontanjeta`, deher konfuż u retiċċenti meta pressat fuq kontradizzjonijiet bejn dak li jixhed u dak li rriżulta mill-filmati w mill-messaġġi:

> ***"Prosekuzjoni:*** *...... Semmejna l-videos, tajjeb, u semmejna li l-videos kienu saru bil-kunsens. Tiftakar li f'wiehed mill-videos filwaqt li kien qed ikollok x'taqsam magħha sesswalment, Omissis kienet qegħda tibki?*
> ***David Xuereb:*** *Gieli anke normali kienet tibki*
> ***Prosekuzjoni:*** *Fuq xiex kienet tibki?*
> ***David Xuereb:*** *Tinfaqa' tibki ma nafx ghalfejn u kont insaqsiha u ma kinetx tghidli, tinfaqa tibki*
> ***Prosekuzjoni:*** *U x'kien jigri mbaghad?*
> ***David Xuereb:*** *Xejn, tieqaf inkomplu nitkellmu*
> ***Prosekuzjoni:*** *Jekk nissuggerilek li filwaqt li kienet qed tibki, int kont tibqa' ghaddej kien ikollok x'taqsam magħha u din qegħda cara f'video partikolari minnhomm, x'ghandek xi tghid?*
> ***David Xuereb:*** *Ma kinetx twaqqafni hi, kienet tibki biss*

---

[126] Fol.603
[127] Fol.604
[128] Fol.606
[129] Fol.605
[130] Fol.610
[131] Fol.611-614

***Prosekuzjoni:*** *Jekk nissuggerilek li filwaqt li kienet qegħda tibki kienet qegħda tghidlek, David...*
***Qorti:*** *Il-filmati l-Qorti rathom, oqghod attent x'qed tghid*
***Prosekuzjoni:*** *Jekk fil-filmat jidher car li Omissis riedet twaqqaf dak il-hin dak li kien hemm ghaddej, ir-relazzjoni sesswali ta' bejnietkom u int bqajt ghaddej, xi tghid, x'ghandek xi tghid?*
***David Xuereb: Xejn bqajt ghaddej.........***
***Prosekuzjoni:*** *.......kien car ghalik li filwaqt li kien qed ikollok x'taqsam sesswalment ma' Omissis u qed tieħu l-video bl-Ipod,* ***Omissis kienet ghadha qed tibki u kienet qegħda tghidlek biex tieqaf u inti ma waqaftx u bqajt ghaddej****?*
***David Xuereb****:* ***Iva***
***Qorti:*** *Minuta aktar qabel, għalhekk ghidtlek oqghod attent xi tghid, aktar qabel ghidt li din kienet konxja li qed jigi recorded. Persuna li hi konxja li qed tiġi recorded, setghet tinfaqa tibki u tumilja ruhha ha tkompli tumilja ruhha meta taf li qed tiġi recorded, kif tispjegali dik, irrid risposta minghandek?*
***David Xuereb: Ma nafx kif nispjegaha***[132]***......***
***Prosekuzjoni:*** *Sinjura fil-video jidher li l-imputat kien qed jirranga qabel ma Omissis biss tidhol ġewwa l-post fejn kien isiru l-atti......Allura naqblu li Omissis ma kinetx taf li qed tiġi irrekordjata?*
***David Xuereb:*** *Orrajt* ***ma kinetx taf fuq kollha ........***
***Qorti:*** *Minuta, qed jikkonferma li ma baghtomlhix jekk fhimt sew* ***qed tikkonferma li ma baghthomliex għax ma kinetx taf bihom***
***David Xuereb:*** *Hafna minnhom*
***Qorti:*** *U kieku din dawk li hadtilha u kienet taf bihom, l-ewwelnett x'inhu l-iskop li jittiehdu dawn, biex tarawhom darba ohra. Kemm il-darba rajtuhom flimkien? Jew xi wiehed minnhom?*
***David Xuereb:*** *Qatt".*[133]

Ix-xhieda inkredula w inverosimili ta' Xuereb tissokta meta, biex jaħrab mis-suġġeriment tal-prosekutur li sforza ruħu fuq Omissis, anke meta din qaltlu li ma setgħetx tagħmel sess peress li kienet qed tbati mill-morliti, jgħid li ma jafx x'inhuma morliti, anzi ndika b'idejh taħt żaqqu bħala l-post fejn wieħed jista' jsibhom![134] **Hu propju dak li jiġri meta wieħed ikun inveritjier** għaliex Xuereb nesa li fl-istqarrija saħansitra qal lill-pulizija li Omissis uriethomlu:

*"****L-Ispettur Jeffrey Scicluna****: Gifieri lilek qatt ma qaltlek meta iltqajtu fl-uffiċju li kellha l-morliti?*
***David Xuereb****: Ijja, kienet qaltli li kellha l-morliti.*
***L-Ispettur John Spiteri****: U qaltlek li ma riditx ikollha x'taqsam?*
***David Xuereb****: No.*
***L-Ispettur John Spiteri****: X'kienet qaltlek? Just ghandi l-morliti ejja ha jkollna x'naqsmu minn wara?*

---

132 Fol.614-616
133 Fol.617-619
134 Fol.620

*David Xuereb*: *<u>U wrietomli</u>......."* [135]

**Edwin Buttigieg**, xhud in difeża, li kellu l-uffiċju tiegħu maġenb dak tal-imputat, jixhed li l-imputat kien qallu biex jekk tmur Omissis, ma jdaħħalhiex[136] u li dan gara madwar erba' jew ħamest darbiet.[137]Għalkemm dan ix-xhud inġieb mid-difiża fit-tentattiv li jikkonvinċi lill-Qorti li Xuereb ried jaqta minn magħha w mhux il-kontra, dan it-tentattiv hu kemm xejn fjakk ikkunsidrat l-abbundanza ta' filmati li fih jidher Xuereb jistenna ħerqan il-wasla ta' Omissis u malli tasal imur jiġri jiftħilha! Saħansitra lanqas kienet tiġih sudizzjoni jagħmel għemil indeċenti fil-kuritur propju fejn issa jirrizulta li kellu l-uffiċju Brincat kif jixhed il-filmat mmarkat **CMZ16** meħud fl-4 ta' Mejju, 2017, fejn Xuereb manifestament jidher jiggratifika lilu nnifsu fil-bieb tal-uffiċju waqt li jistenna li tasal Omissis.[138]

**Josephine Xuereb**, omm l-imputat, issemmi okkażjoni fejn Omissis marret id-dar tagħha biex tkellem lil Xuereb. Għalkemm ma riedx ikellimha, kif fetħitilha bintha, din daħħlet u wara niżlu flimkien.[139] Madanakollu ma tiftakarx meta ġara dan.[140]

<u>Il-Filmati</u>

**Dr. Martin Bajada** jispjega *"Fil-fatt fuq il-pendrive li gejt mghoti li hija <u>**Dok. MB8** hemm wiehed u ghoxrin video u tlieta u ghoxrin imagini</u>. Il-video ġew analizzati fejn <u>ġie stabbilit id-data originali ta kull video</u>. Oltre minn dawn l-istess analizi rrizulta illi l-videos kollha ġie l-location tagħhom, ittiehdu go <u>Vincenti Buildings, Triq id-Dejqa Valletta</u>. Fil-fatt oltre hekk jispecifikaw li l-videos li l-location hija 43 metres above sea level, li jigi l-flat ezatt."*[141] Id-dati tal-immaġini w tal-filmati jkopru l-perjodu bejn **Ottubru, 2016, u t-30 t'Awissu, 2017**.[142]

Il-filmati nstabu fuq *external hard disk*[143] li ġiet elevata minn **PS1326 Roy Sciberras** bl-għajnuna tas-*cybercrime division*.[144] Mill-filmati li raw il-pulizija,

---

[135] Fol.180
[136] Fol.687
[137] Fol.690
[138] **Dok.MB8** a fol.410
[139] Fol.699
[140] Fol.700
[141] Fol.479
[142] Fol.487
[143] Fir-rapport tiegħu a fol. 226, PS1335 jindika il-hard disk rilevanti bħala dik tad-ditta Posh Design, iddokumentata minnu bħala USB06. Exhibit No. **KA45/2020** (Fol.515-524)
[144] Fol.137-138

deher li dawn ittieħdu minn camera mpoġġija ftit il-bogħod li fihom dehret Omissis u l-imputat f'atti sesswali. *"F'video minnhom kien hemm Omissis qed tinstema tgħidlu* ***'ma jistax ikun nibqa sejra hekk' u tibki u fl-istess hin beda jghannaqha, telalha d-dublett u kompla bl-att".***[145] **PS1335 Duncan Schembri** mis-*cybercrime division,* ippreżenta rapport[146] li juri kif fuq *external hard disk* tad-ditta Posh Design iddokumentata minnu bħala **USB06**, instabu erba' (4) *folders* b'erba (4) ismijiet ta' nisa fosthom Omissis li fih nstabu 45 files. Kopja tal-filmati ta' Omissis ġiet mgħoddija lill-espert inkarigat mill-Qorti, Dr. Martin Bajada.[147] Fir-rapport tiegħu PS 1335 jipprovdi *"b. Most of the videos may have been captured without the female person's knowledge since* ***filming was initiated whilst Mr. David Xuereb was alone****; c. Video files named CMZ 18 and CMZ 11 were amongst other files that depcied Mr. David Xuereb engaging in heated conversation and sexual activity with a distressed female."*[148]L-oġġetti elevati ġew mgħoddija lill-espert inkarigat Dr. Bajada kif jixhdu l-irċevuti li ġew annessi mar-rapport tal-abbli espert[149] u kif jikkonferma l-istess Surġent 1335.[150]

Id-dati relattivi li fihom ittieħed il-filmat partikolari huma elenkati fil-kontenut tal-*external hard drive* hekk kif analizzata mill-espert Dr. Bajada fir-rapport tiegħu. Dawn kienu kollha f'folder jismu *"Omissis"* u kull filmat juri d-data li fiha nġibed.[151]Fil-filmati kollha l-camera tal-apparat li minn fuqu jiġi *recorded* il-filmat tinxtgħel ħafna qabel ma Omissis tasal l-uffiċju. Din titpoġġa' dejjem (għajr f'okkażjoni waħda meta għamilha mal-art viċin liżar li tqiegħed minnu mal-art) faċċata ta' mejda li fuqha Xuereb jpoġġi lil Omissis biex issir is-sess orali magħha.

Għalhekk huwa **totalment w indubbjament inveritjier** l-imputat meta jixhed li Omissis kienet konxja bil-camera w li l-filmati saru bil-kunsens tagħha. L-istess Omissis li fil-maġġior parti tal-filmati turi d-debolezza tagħha, mbikkma w mbikkija meta konxja dwar dak li kien qed jistenniha fuq dik il-mejda. Mara li lanqas biss tkun trid tneħħi ħwejjiġha w turi r-riluttanza sħiħa meta Xuereb jibda jnezzaha, żgur li ma kienitx ser toffri spettaklu b'xejn u konsapevolment tħalli rikordju dejjiemi tal-miżerja li ġabha fiha u tal-mod kif kien jabbuża minnha biex jistrieħ sesswalment.

M'hemmx dubbju li **l-imputat jigdeb** fuq il-pedana tax-xhieda meta jinsisti li Omissis kienet taf bil-camera. La Xuereb u lanqas Omissis ma jaċċennaw għal

[145] Fol.138
[146] Xiehda Spettur John Spiteri a fol.201. Vide **Dok.JS1** a fol.202-208
[147] Fol.220
[148] Fol.227
[149] **Dok.MB2** a fol.312-318
[150] Fol.577. Vide **Dok.DSZ** a fol.579-592
[151] Fol.408-409. Vide ukoll fol.486

camera, tant li mhux l-ewwel darba li jirritorna l-uffiċċju biex jitfi l-camera wara li Omissis tkun ilha li telqet. L-akbar prova tal-gideb minn tiegħu tasal meta fil-filmat **CMZ05**[152] meta għadu waħdu jistenna lil Omissis tasal fl-uffiċju, javviċina l-camera u jiddikjara: *"illum l-ghaxra ta Jannar ha niehu nejka ma Omissis. Ha nipprova **ngelgha** tagmilli blow-job"* (01:56).

Il-Qorti qed tillimita l-osservazzjonijiet tagħha għal dawk il-filmati li fihom nfushom joffru prova inkonfutabbli ta' imputazzjoni jew oħra kif ser jiġi indikat.

Jiġi rrimarkat li hi biss fl-okkażjoni tal-07/01/2017 li Omissis tipparteċipa fl-atti sesswali u fejn anke tħeġġu jissokta.[153] Mill-bqija **m'hemmx dubbju dwar ir-riluttanza tagħha biex issiru l-atti sesswali, mhux biss dak ta' sess orali iżda anke il-konġunġiment karnali**.

Mill-filmati jidher biċ-ċar li **Omissis tiltaqa' ma Xuereb għaliex** **sfurzata.** Mid-diskors tagħha miegħu, kif ser jiġi indikat fl-analiżi dettaljata tal-filmati partikolari, turih biċ-ċar li kienet tiltaqa' miegħu biss għaliex hu jinsisti li jiltaqaw, għax jekk ma tmurx jitlef il-kontroll fuqu innifsu w jibda jibgħatilha *tsunami* ta' messaġġi li kienu ser iwasslu biex tinkixef mal-*partner* tagħha. Jirrizulta kif tort tal-insistenza tiegħu, kawża tal-ossessjoni w il-pussess li kellu fuqha, hi sfat tbagħti minn *stress*, abbandunat lil binha, fuq ix-xogħol kienet aljenata, allontanat ruħha minn ħbiebha w il-hajja kwotidjana tagħha, kemm dik fuq ix-xogħol u ma familtha tħarbtet, addirittura tkissret. Għalhekk kienet tissoġġetta ruħha għall-abbuż ta' Xuereb, bit-tama li tissodisfah għal ftit jiem, almenu sakemm jerga' jkun iridha.

Imiss issa li jiġu kunsidrati l-filmati misjuba fuq *external hard disk* li tissemma mill-uffiċjali investigattivi[154] li ġiet analizzata minn Dr. Martin Bajada kif ingħad. Il-filmati jikkostitwixxu l-**prova reġina** ta' dan il-każ u jinsabu esibiti bħala **Dok.MB8.**[155] Il-Qorti analizzat il-filmati esibiti:

---

[152] (10/01/2017)

[153] **CMZ04** (07/01/2017): Tgħidlu li dak li qed jagħmlu mhux sew meta jipprova jibda jkun intimu magħha. Hu jgħidilha li jibqa' jew ma jibqax ma Daniela (tfajla li beda joħroġ magħha ftit qabel u ħabiba ta' Omissis) dak l-inkontru kien ser ikun *"l-ahhar wahda"* (00:15). Omissis timbottah minn għonqu u jersaq lejha. Hemmhekk jerġgħu jibdew jiċċajtaw u jitkellmu normali fejn għalkemm Omissis setgħet tkun aktar deċiżiva, hi tħallih jieħu li jrid minnha. Din kienet l-unika okkażjoni fejn Omissis ipparteċipat fl-atti sesswali u fejn ikkonsentiet ghal kollox tant li hi stess ħeġġietu biex ikompli. Għalhekk f'din l-okkażjoni ċertament ma jistax jingħad li Omissis għamlet li għamlet kontra qalbha!

[154] **Dok MB8** a fol.410

[155] Fol.410

- **CMZ01 (10/12/2016)**: Tibda tgħidlu li *"I hate lying"* u li l-ikbar gidba qed tagħmilha *"lilu"*; gideb dovuti għax ikollha tiltaqa' miegħu (Xuereb): *"Niefqu niltaqghu…. mela bik tista? You won't accept it…."* Jibda jnezzaħha meta tgħidlu ***"oqghod… oqghod Dave"***.

00:21 **tgħidlu ieqaf** u jgħidilha **"ma rridx nieqaf"** u jkompli bil-konġunġiment karnali. Għalkemm tgħidlu li qed tiddejjaq, **titolbu jieqaf u timbuttaħ minn fuqha**, hu ma jagħtix widen. Aktar il-quddiem jgħidilha kemm il-darba biex tħares lejh għaliex hi tibda tevita li tħares lejn wiċċu tant li ddawwar wiċċha biex ma tarax x'qed jagħmel.

- **CMZ03** (20/12/2016): 00:24 waqt li jnezzaħha tibki w tipprova terga' tilbes *"mhux qed inhossni komda"*. 00:47:54 jibda jmissha fil-parti tagħha, tgħidlu ***"Ieqaf Dave"*** kemm il-darba għalkemm mhux b'xi leħen determinat u lanqas ma tipprova tnehhi idu – indikazzjoni li taf li kien inutli għaliex qabel ma jieħu dak li jrid minnha, ma kienx ser jieqaf!

- **CMZ06_BJ** (12/01/2017): konversazzjoni ferriehija għal-bidu. Meta tibda tagħmel sess orali fuqu wara ftit tqum u tgħidlu li ma tistax tkompli, tilbes l-*underwear* iżda hu **jerga' jisfurzaha tkompli** u anke jerga' jnezzalha l-*underwear*.

- **CMZ08** (20/02/2017): anzjuż jistenniha tasal. Ġa rranġa il-camera kif iressaq viċin il-camera l-mejda li fuqha saru l-atti intimi w jitfa biċċa bajda fuqha. Tasal Omissis tolfoq u tgħidlu *"Ma niflahx izjed Dave, ma niflahx izjed"*. **Ikaxkarha mill-kuritur u jitfagħha fuq il-mejda li pprepara w jgħidilha *"hekk trid noqghod nahxik"*.**

L-immaġini jitkellmu waħedhom, b' Omissis tispiċċa bħall-ħaruf fuq il-mejda tas-sagrifiċċju tibki w tgħatti wiċċha minnu waqt li hu jkompli jissodisfa ruħu minnha. Ma tiflaħx iżjed u titolbu ***"Ejja Dave jlesti li ghandek tlesti u daqshekk….gejt biex inti tieqaf u ghal daqshekk gejt, biex inti tieqaf"***. Dak il-ħin jgħidilha li marlu l-aptit u jieqaf. Tgħidlu *"ghamilha għax tal-dahar"*. Jgħidilha biex tmur u titlaq iżda tibqa hemm fuq il-mejda bilqegħda. Hu stess iqajjimha w jlibbisha biex titlaq. Wara ftit minuti li jimbottaha l-barra w hi kienet telqet, jirritorna biex jitfi l-camera. Altru` li ma kienitx taf li kien hemm camera tiffilmja xena daqstant kiefra w bierda minn kull istint ċivili!

- **CMZ12 (07/03/2017):** Turih li qed tiddejjaq b'dawn l-inkontri w ssemmi kif fil-bidu ħadd ma kien jisfurzaha w li seħħ bejniethom kien

konsenswali. Indikazzjoni għall-darb'oħra li għalkemm kienet tmur tiltaqa' miegħu, dan ma kienx bil-bona volontà w r-rieda tagħha.

- **CMZ13 (5/4/2017): W**aqt li jmiss il-parti tagħha hi tibda tibki u minflok jikkumpatiha jew juri xi tħassib għaliha jgħidilha ***"Let's finish it... let's finish it"*** (00:08:15). Hi tipprova tqum iżda jdawwarha bil-goff b'rabja w ikompli għaddej. Meta jlesti minnha, wiċċha hu dak ta' mara mkissra, b'dieqa u b'ħarsa ta' stmerrija, diżgustata għal dak li għadu kemm seħħ.

- **CMZ14 (10/04/2017):** Tasal rrabjata għaliex wara ħamest ijiem *"You asked me again"*. Tilmenta miegħu għaliex reġa' talabha għas-sess ***"I am here to do it u if need be we do it as much as possible forsi tieqaf".*** Tinsisti li jkollhom x'jaqsmu llum ħalli f'dik il-ġimghat *"you wont ask again"*. Tgħidlu li jekk Omissis 3 isir jaf l-affarijiet ikunu agħar għaliha. *"I am here for you to do it…I am here to do it so you feel better Dave I am honest about it…..I came here to explain myself and to do it so this week its over and done with"*.

- **CMZ18 (19/04/2017):** Jixgħel il-camera qabel ma tasal. Bħal kumplament tal-filmati l-oħra (tmintax b'kollox), l-inkontri tagħhom jixhdu kemm l-attività` sesswali (għajr għall-okkażjoni waħdanija fi Frar, 2017 li ġa saret riferenza għaliha) kienu totalment *one-sided* da parti tal-imputat biss!

Mill-ewwel indikazzjoni li ser jibdew atti intimi (00:31) tinfaqa' tibki. Ir-reazzjoni tiegħu hu li jdawwarha biex jibda jieħu li jrid minnha w jiġbdilha ***"Ha toqghod?!"*** (00:31:57) waqt li hi tibqa' tgħatti għajnejha għax taf dak li kien qed jistenniha, wiċċ addolorat bid-dmugħ iċċarċar fuq wiċċha. Iżda xejn iżda ma rażżan il-bruda w l-kefrija tal-imputat.

- **CMZ15 NO 27/04/2017**: titolbu jieqaf għax ma tiflaħx għal *stress* li qed jikkawżalha *"trid tieqaf Dave… you can't enjoy sex with someone you know is not enjoying it….I cant enjoy it because I know you're going to ask me next week and I keep coming here to fuck that's the truth"*.

- **CMZ16 (04/05/17):** qabel ma tasal jixgħel il-camera. Inehhi ċ-ċintorin. Wara ftit ħin jistenna, joħroġ fil-kuridur, jibda jimmasturba fl-intrata tal-uffiċċju (00:08:38) waqt li jistenniha fil-bieb. Jerga' joħroġ fil-kuridur jistenniha (00:17), tasal Omissis rrabjata li minkejja li qaltlu ma jibgħatilix messaġġi xorta għamel ta' rasu, *"trid ieqaf… ma nistax nibqa sejra hekk…..".*

Tenut li l-abbli difiża tipprova tagħti x'jinftiehem li meta Omissis kienet tmur l-uffiċċju, kien ikun hemm Buttigieg ukoll, dan il-filmat iwassal lil Qorti tqis li, kieku verament kien il-każ li Xuereb kien jiltaqa' magħha meta fl-uffiċċju maġenbu kien hemm Buttigieg, ma tantx kien ser jazzarda Xuereb jixref fil-kuritur mitluf f'dik it-tip t'attività`!

F'dan il-filmat David jammetti li kien wissieha li ser jgħid b'kollox lil Omissis 3 *"Biex tiġi hawn"*- evidenza li hi kellha bilfors tissoġġetta lilha nfisha biex jiggratifika l-istinti sesswali tiegħu; <u>evidenza tan-nuqqas ta' volontarjeta` da parti tagħha</u>!!

Meta jibda jmiss il-ġenitali tagħha hi **tgħatti għajnejha w wara tibqa' b'għajnejha magħluqin waqt li jisforżaha ruħu fuqha**. Id-dizgust li juri wiċċha jgħid l-istorja hekk kif Omissis terġa; **tiġi stuprata** quddiem il-camera li poġġa' l-istupratur tagħha:

00:45:08 tgħidlu ***"I don't want, please stop it, tkomplix"*** iżda jkompli w tissokkombi. 00:46:57 **tipprova timbuttah lura** iżda jkompli b'Omissis kostretta li toqgħod għall-ordnijiet tiegħu ***"inzel naqra, gholli saqajk".*** 00:49:32 terga <u>tipprova tinħall minn taħtu iżda għalxejn jkompli jisforza ruħu fuqha</u> ***"just a bit more please and I'm done"!!*** X'vilta!

- **CMZ17** (15/06/2017): Jixgħel il-camera u x'ħin tasal ftit tal-ħin wara tgħidlu li *"This has to stop"*. M'hemmx dubbju dwar kemm hi *an unwilling participant* hekk kif filwaqt li Xuereb qed jieħu li jrid minnha, meta jidher wiċċha dan hu ta' mara mbikkma, mdejjqa b'dak li kienet qed ikollha t'esperjenza. Fil-fatt waqt li Xuereb qed jissodisfa l-ħtiġijiet tiegħu Omissis **tagħmel l-almu tagħha biex ma tħarisx lejh u tgħatti għajnejha** (00:22:05).

- **CMZ09** (22/06/2017): Tilmenta miegħu li kissirha; ilu jibgħatilha minn filgħodu. Ftit sekondi wara li jibda sess orali **tipprova twaqqfu milli jkompli bis-sess orali iżda ma jitrazzanx u jissokta**.

00:22 Tgħidlu tibki ***"I can't"*** u hu jkompli għaddej qisu xejn mhu xejn jgħidilha ***"Yes you can".*** Tkompli tibki w titolbu ***"Dave ieqaf, ieqaf dave"*** <u>iżda hu jkompli</u> għaliex skond hu din kienet ser tkun l-aħħar darba, u mhux ser isaqsiha darb'oħra *"I'm not going to ask anymore"* - <u>ammissjoni da parti tiegħu li kien ikun iridha tmur miegħu</u>. Jgħid li din kienet *"the last time….. love you too much biex narak hekk"*. Madanakollu ma trażżan xejn milli jissokta **bil-konġunġiment karnali waqt li hi titkarrab miegħu biex jieqaf iżda minflok jistupraha!!**

F'00:28:54 tgħidlu ***"taf kemm ili nipprva nwaqqaf l-affarijiet? Minn Settembru ili nipprova nurik…you kept on pushing…dak iz-zmien kont tirrikattani Dave biex izzomni"*** u hu jwieġeb *"Mhix ser issir izjed".*

- **CMZ11** (21/07/2017): Ċertament dan hu l-filmat li juri l-attitudni mill-aktar krudili ta' Xuereb waqt li jistupra lil Omissis.

  Wara li jixgħel il-camera jiżbarazza l-mejda qabel ma tasal. Meta tasal xi 8 minuti wara, din qed twerżaq u b'leħen panikuż w aġitat tgħidlu *"do it, do it…I'm here!"* fost hafna tisbit u biki fl-entratura tal-uffiċju. Twerżaq *"ersaq, ersaq Dave"* u hu jsikkitha. Jidħlu fl-uffiċju tiegħu b' Omissis tolfoq u tibki mal-art: ***"Ma niflahx inzomm aktar David…il-hin kollu tisfurzani…minn Settembru Dave".*** Jibda jgħidilha tieqaf waqt li hi mixħuta mal-art u ***"Ieqaf għax ha ntihilek"*** (00:11:27). Tgħidlu ***"il-hin kollu tirrikattani Dave"*** (00:12:34) u vilment jagħmel ponn ma wiċċha (00:13:18). Terġa tgħidlu li qed jirrikataha li ser jitlaq lil Eli, u li ma tistax żżomm aktar b'dawk il-messaġġi kollha li jibgħatilha.

  Minkejja l-istat aġitat tagħha, il-biki w dwejjaq li evidentement hi maħkuma minnhom, **jerga' jitfagħha mal-art w jkollu x'jaqsam magħha (00:14:16)** ***"iftah saqajk…iridek thares lejja waqt li qed naghmlu…hares lejja, din tal-dahar…ieqaf…ieqaf….hares irid nara wiccek irid narak".*** Hu jibqa' għaddej waqt li hi taħtu, tibki w titolbu biex ma jibqax jittormentaha. 00:16:47 kif jipprova jagħmel sess orali **tgħidlu li ma tridx iżda hu jinjoraha.** Xejn mhux ser iwaqqfu milli jiggratifika ruhu a skapitu tagħha!!

- **MCZ_2 -MCZ5** huma *stills* li juru wiċċ Omissis tibki b'għajnejha magħluqin, li ttieħdu propju mill-filmati li saret riferenza għalihom.

M'hemmx dubbju li dawn il-filmati jikkoroboraw ix-xhieda ta' Omissis u jiżmentixxu għal kollox dik tal-imputat. Il-filmati nfushom servew bħala mezz sabiex l-imputat **ikompli jispijja w jiggratifika lilu nnifsu anke fin-nuqqas fiżiku ta' Omissis**. Li tieħu bil-moħbi filmati hu forma ta' spjunaġġ, att kodard u l-fatt li huma ta' atti sesswali, l-att ta' spjunaġġ jiddeġenera għall-wieħed ta' perverżjoni.

Madanakollu **dawn il-filmati servew ta' prova diretta ta' wħud mill-okkażjonijiet ta' stupru li kif xehdet Omissis, kostantament kellha tiġi soġġetta għalih;** fejn l-għemil tal-imputat kien, b'konswetudni, **jevolvi minn wieħed ta' attakk vjolenti għal pudur (is-sess orali mhux volut minn Omissis) għal dak ta' stupru** li kien jimmaterjalizza appena jseħħ il-konġunġiment karnali.

In vista tal-fatt li - mqar jekk wieħed kellu jistrieħ biss fuq il-filmati – m'hemmx dubbju li numerużi sew kienu dawk l-okkażjonijiet li fih seħħew ir-reati ravvizat bl-artikoli 198 u 207 tal-Kodiċi Kriminali, ċertament isib applikazzjoni l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali.

In konklużjoni, l-analiżi tal-filmati turi kif –

(i) kull attività` intima bdiet fuq insistenza w fi drabi anke **vjolenza fiżika** da parti ta' Xuereb fuq Omissis;
(ii) fil-maggior parti tal-okkażjonijiet minn sess orali mhux volut l-għemil tal-imputat evolva għall-konġunġiment karnali mhux volut u għalhekk f'dawn l-istanzi, **l-attakk vjolenti għal pudur ġie assorbit fir-reat aktar gravi ta' stupru; u**
(iii) kien hemm iżda okkażjonijiet fejn seħħ biss sess orali mhux volut w **seħħ biss l-attakk vjolenti għal pudur,** (*vide* filmat **CMZ06_BJ** li ttieħed fit-12 ta' Jannar, 2017).

**Julianne Grima**, psikoterapista ta' Omissis, spjegat li l-ewwel vista ta' Omissis kienet f'Novembru, 2017, wara li din ġiet riferuta għandha mill-Victim Support Malta. Matul is-sentejn ta' kura għamlu madwar ħamsin sessjoni: *"Kienet ippanikjata, depressed, anzjuza hafna, anzjuza hafna, hafna, hafna….. **Omissis ghandha problema ta' PTSD,** Post-traumatic Stress Disorder. Wara ċertu ammont ta' xhur accetat li nirreferiha wkoll ghand Psikjatra biex forsi jtiha xi medication ghal din l-ansjeta kollha. Hi tbati minn sintomi li persuna tbati minnhom wara trauma….. **The Post-traumatic Stress Disorder kienet ittrigerjata mill-event li kellha …..mal-imputat**. Ghaddiet minn perjodu u ghada għaddejja minn perjodu difficli hafna. Is-sintomi tagħha, triduni nghid is-sintomi perezempju? ….. So għamlet żmien perezempju tinfex fl-ikel u ziedet nahseb xi fifteen (15) kilos. Din hija xi haga komuni hafna min-nies li jbatu minn PTSD, flash backs, ma tistax torqod, ma tistax tghaddi minn ċertu toroq, tibki hafna, affettwatilha l-imġieba tagħha fuq ix-xogħol, tibza` tmur ċertu postijiet, ma tista tohrog f'restaurants, inqghatat hafna min-nies ta' madwarha, x'iktar."*.[156]

[156] Fol.424-425

**Charisse Boffa**, uffiċjal tal-Probation li fuq talba tad-difiża ħejjiet *social inquiry report*[157], tirrimarka li Xuereb instab ħati f'diversi drabi fuq fastidju w theddid fil-konfront tal-*ex* mara tiegħu fil-perjodu bejn 2003-2017.[158] Xuereb kellu trobbija tajba, kien miżżewweġ darbtejn u għandu tlett itfal li magħhom hemm relazzjoni tajba. Rigward xogħol Xuereb ma jżommx impjieg għal tul ta' żmien. Ma nstabx li hu aflitt mill-vizzju tax-xorb jew ta' droga.[159] Kien segwit minnha anke fuq każ ta' serq fejn hi rrakkomandat li jiġi segwit mill-psikologu Dr. Kevin Sammut Henwood.[160]

**Il-Ligi**

<u>L-ewwel Imputazzjoni: Stupru</u>

Il-**Prof. Anthony Mamo**, fin-Notamenti tiegħu fuq il-Liġi Kriminali, jgħid hekk fuq ir-reat ta' stupru vjolenti:

> "In our law, the offence called "rape or carnal knowledge with violence" is that which is committed by any person who, by violence, has carnal knowledge of another person of either sex. Thus, there are two essential elements of this crime under our law, and these are:-
> (i) the carnal knowledge; and
> (ii) the violence.".[161]

Il-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta kontra CATRIEL SCICLUNA**[162]

> Id-delitt ta' stupru taht l-artikolu 198 tal-Kodici Penali jikkonsisti essenzjalment f'kongungiment karnali bi vjolenza. Il-ligi ma taghtix definizzjoni dettaljata ta' x'tip ta' kongungiment karnali irid ikun hemm ghar-reat ta' stupru.
>
> Illi sabiex jissussisti r-reat tal-istupru bhal kull reat ieħor, jehtieg il-presenza tal-element kemm materjali kif ukoll dak formali. Bl-att materjali allura jkun il-kongungiment karnali kontra il-volonta' tal-vittma. Illi maz-zmien dan il-kongungiment karnali nghata tifsira aktar wiesgha minn dik tradizzjonali sabiex b'hekk illum din tinkludi l-icken bidu ta' konnessjoni karnali bl-inseriment forzat tal-pene maskili f'waħda mit-tlett orefici intimi tal-persuna – u cioè il-halq, il-vagina u l-anus kemm bejn nies tas-sess oppost, kif ukoll bejn dawk tal-istess sess. Pero din it-tifsira ta illum ma tapplikax ghal każ in dezamina stante li l-istupru sehh qabel ma ġew introdotti l-emendi fil-ligi.

---

157 **Dok.CB** a fol.635
158 Fol.630
159 Fol.631
160 Fol.632
161 Notes on Criminal Law Vol II pagna 194
162 Per Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera, Deċiża 11 ta' Jannar 2019; Att ta' Akkuża numru: 15/2018

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Stephen Bonsfield** ikkunsidrat:[163]

> Il-motiv jew l-istato d' animo tal-appellant waqt li kien qed jaghmel dawn l-atti fuq martu ma hux rilevanti ghall-kaz għaliex **ir-reat ta' stupru vjolent u dak ta' attentat vjolent ghall-pudur ma jirrikjedix xi intenzjoni specifika jew xi motivazzjoni partikolari**. Wiehed jista' jikkomettihom biss ghall sodisfazzjoni sesswali, jew ghal skopijiet sadistici, jew ghal xi "fetish" jew addirittura biex jumilja u jivvendika ruhu mil-vittma. Kull kif, una volta ikun hemm l-icken penetrazzjoni, anki kontra n-natura, kontra l-kunsens tal-vittma, r-reat jissussisti.

Imbagħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Joseph Magro** ġie ritenut:[164]

> Illi fl-ewwel lok ir-reat tal-istupru jikkonfigura meta l-awtur tar-reat:
>
> **"bil-vjolenza, jikkommetti stupru fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor". ....**
>
> **Id-dottrina Maltija hija fis-sens li r-reat ta' stupru huwa ikkunsmat meta jigi pprovat: "The commencement of the connection without the necessity of proving any further acts" (vide Criminal Law - Profs A Mamo pg 194) Ir-reat ta' stupru jissussisti: "upon proof of penetration only: and the slightest penetration is sufficient" (Ibid). Kif ġie ben ritenut mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali per l-Onor Imhallef Joseph Galea Debono, fl-ismijiet il-Pulizija Supt. Bartholomeo Mula et. vs. Ommissis, deciza fl-4 ta' Settembru 2003: "Biex ikun hemm ir-reat ta' stupru mhux mehtieg li jkun hemm penetrazzjoni shih u l-icken bidu ta' konnessjoni karnali hija sufficjenti biex jissussisti reat.**"[165]
>
> Dan il-kongungiment karnali irid necessarjment isir minghajr il-kunsens tal-vittma.

Il-kunċett ta' nuqqas ta' kunsens jippervadi r-reat ta' stupru. Hu dan li l-leġislatur jrid ifisser meta uża l-kwalifika "bil-vjolenza". Il-vjolenza mhux biss hi dik fiżika, iżda tista' tkun waħda ta' natura morali jew psikoloġika. Tavvera ruħha bin-nuqqas ta' kunsens fis-sens tal-volontarjeta' li tissoġġetta ruħhek għall-att, kif kien għadu definit dak iż-żmien, tal-konġunġiment karnali.

Issir riferenza għall-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti fis-sentenza **The Police vs Ahmed Rasem. A Franka**:[166]

---

163 Per Onor. Imħallef Dr. Joseph Galea Debono. Deċiża 27 ta' April, 2006 Appell Kriminali Numru. 319/2005

164 Per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima; Deċiża 29 ta' Novembru 2018. Appell numru 591/2012 u Appell numru 600/2012

**165 Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed** deċiża fil-5 ta' Lulju, 2002

166 Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima. Deċiża 26 t'Ottubru, 2017. Appell Nru. 72/2017

> .........even though Omissis might have been at first complacent to the attentions of appellant, however he should have immediately realised that upon the commencement of a degree of intimacy between them, **she was not consenting** to the sexual act and therefore **he should have refrained immediately from carrying on further his sexual advances**. [emfazi ta' din il-Qorti]

Issa fil-kuntest tar-reat ta' stupru, il-vjolenza tista' tkun kemm waħda attwali w daqstant ieħor prezunta (*constructive*). Dan jirrizulta manifestament mid-dispożizzjoni tal-Artikolu 201 tal-Kodiċi Kriminali ġa` ċitat, fejn f'dik id-dispożizzjoni jiġu elenkati dawk iċ-ċirkostanzi li jagħtu lok għall-preżunzjoni irribattibbli ta' vjolenza; ċirkostanzi li ma jsibux applikazzjoni f'dan il-każ peress li l-vjolenza, kemm **fiżika kif ukoll morali, kienet waħda attwali**.

F'dan il-każ għalkemm hu minnu li Omissis baqgħet tiltaqa' ma Xuereb meta kienet taf dak li kien jistenniha wara l-bibien tal-uffiċċju tiegħu, ma ltaqgħetx miegħu għaliex riedet jew minn jeddha. Għamlet dan għaliex **kostretta**; dik hi l-**vjolenza morali.**

Madanakollu jibqa' fatt, li l-abbli difiża fit-trattazzjoni tagħha tonqos milli tindirizza, li minkejja li Omissis ltaqgħet ma' Xuereb biex jagħmlu l-att sesswali, diversi kienu dawk l-okkażjonijiet fejn **talbitu jieqaf u ma waqafx**. Saħansitra kien hemm okkażjonijiet fejn anke seħħet **vjolenza fiżika, kaxkarha għall-mal-art u ssokta bl-att**. Issir riferenza għas-segwenti filmati:

a). **CMZ01 (10/12/2016)**: Jibda jnezzaħha meta tgħidlu *"oqghod…oqghod Dave"* iżda jirreġixxai (00:21) ***"ma rridx nieqaf"*** u jkompli bil-konġunġiment karnali.

b). **CMZ08** (20/02/2017): Wara li mbikkija tgħidlu *"Ma niflahx izjed Dave, ma niflahx izjed",* **kaxkarha mill-kuritur** u jitfagħha fuq il-mejda li pprepara w jgħidilha ***"hekk trid noqghod nahxik".***

c). **CMZ09** (22/06/2017): Titolbu *"Dave ieqaf, ieqaf dave…..(*00:28:54) *taf kemm ili nipprova nwaqqaf l-affarijiet? Minn Settembru ili nipprova nurik…you kept on pushing…**dak iz-zmien kont tirrikattani Dave biex izzomni".*** Ma jieqafx qabel jissodisfa l-istinti sesswali tiegħu.

d). **CMZ11 (**21/07/2017) dokumentat meta irrabjat għax tibqa tibki iwissiha *"**Ieqaf għax ha ntihilek**"* (00:11:27). Meta tfakkru li ***"il-hin kollu tirrikattani Dave"*** (00:12:34) jgħolli jdejh u jagħmel ponn ma wiċċha (00:13:18)

e). **CMZ16 (**04/05/17) jgħidilha b'rabja ***"inzel naqra, gholli saqajk".*** F'00:49:32 terga' tipprova tinħall minn taħtu iżda jisforza ruħu fuqha ***"just a bit more please and I'm done"!!***

f). **CMZ18 (**19/04/2017): (00:31) tinfaqa' tibki. Ir-reazzjoni tiegħu hu li **jdawwarha biex jibda jieħu li jrid minnha u jiġbdilha** ***"Ha toqghod?!"*** (00:31:57)

Dawn kienu biss wħud mill-okkażjonijiet li tħalla rikordju tagħhom permezz tal-filmati. Il-vittma tixhed li minn sa minn Settembru 2016 kienet ilha tipprova twaqqaf dawn it-tip t'inkontri w għalhekk din il-Qorti m'għandhiex għalfejn tiddubita minn dak li xehdet Omissis għaliex il-filmati li ttieħdu minnhom nfushom jikkoroboraw ix-xiehda tagħha in kwantu għal numru mill-okkażjonijiet li semmiet fit-testimonjanza tagħha.

Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta` Malta vs Omissis, Seydou Bandaogo,** il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> 36. Il-Professur Mamo jghid hekk, fuq l-element tal-vjolenza fin-noti tiegħu dwar il-liġi kriminali: **It is an element which is of the essence of the crime and not merely an aggravation of it.**
> … …
>
> **The law does not specify what the violence must consist in. Nor could it. The whole point is to determine in each particular case whether the carnal knowledge took place against the will of the victim and notwithstanding such resistance as he or she could, having regard to his or her physical strength and moral energy, offer: All the rest boils down to an appreciation of the circumstances of fact according to the common experience of life. Any attempt to determine "a priori" the intensity, the character and the degree of violence required would have been vain and dangerous, they depending so much on the character and personal circumstances of the victim of the crime.[167]...............**
>
> 37. Issa kif ingħad, mill-eżami tal-atti proċesswali jirriżulta indubitat, u lanqas ma ġie kontestat, illi l-penetrazzjoni vaġinali bejn l-appellant u Omissis 1 seħħet, stante li l-appellant igħid illi kien hemm rapporti sesswali bejnu u bejn Omissis 1. Il-kontestazzjoni pero teżisti fir-rigward tal-eżistenza o meno tal-kunsens tal-vittma fil-mument li fih seħħ l-att inkriminatorju; jekk kienx għalhekk jeżisti l-element tal-"vjolenza" fis-sens li kienet issemmi l-Liġi bħala wieħed mill-elementi legalment rikjesti biex jitqies integrat ir-reat tal-istupru;[168]

F'dan il-każ, l-element tal-konġunġiment karnali ġie ppruvat ampjament u dan permezz tal-filmati meħuda mill-imputat ghall-insaputa ta' Omissis.

---

[167] Pg.195. Vol.II

[168] Per S.T.O. Prim Imħallef Dr. Mark Chetcuti, Onor Imħallef Dr. Edwina Grima u Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja; Att tal-Akkuża Nru. 8/2018 Deċiża 26 ta' Jannar 2021

Dwar l-element tal-vjolenza, huma l-istess filmati li f'diversi istanzi juru l-**vjolenza fiżika** li ġiet soġġetta għaliha Omissis. Madanakollu hija l-**vjolenza morali** li Xuereb, għal xhur sħaħ, issoġġettaha għaliha li tippervadi l-għemil tiegħu kif jixhdu l-istess filmati li jikkoroboraw u jissiġillaw il-prova tal-vjolenza psikoloġika ossia morali li nfliġġa fuqha mingħajr ħniena jew ezitazzjoni!

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-deċiżjoni **Il-Pulizija vs Malcolm Mifsud** ikkunsidrat:[169]

> F'dar-rigward l-ewwel Qorti rreferiet ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-2 ta' Ottubru 2000 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. James Demanuele**. Din il-Qorti sejra wkoll tirreferi ghas-segwenti bran minn dik is-sentenza:
>
> "Issa, il-ligi taghna, in tema ta' stupru, tirrikjedi li l-kongungiment karnali ikun sar bil-vjolenza. Tali vjolenza tista' tkun **fizika jew morali (jew, naturalment, it-tnejn flimkien).** Il-ligi, pero`, **ma tikkwantifikax din il-vjolenza,** ossia il-grad ta' vjolenza li trid tiġi wzata biex wiehed jghid li kien hemm stupru. Kollox jiddependi fuq ic-cirkostanzi tal-każ, u b'mod partikolari fuq l-eta` tas-suggett attiv u tas-suggett passiv, l-istat ta' sahha u l-forzi tagħhom, it-temperament jew karattru tagħhom, kif ukoll fuq ic-cirkostanzi partikolari li jkun jinsab fihom is-suggett passiv. **Dak li hu necessarju hu li l-vjolenza tkun waħda effettiva, jigifieri li fil-każ konkret ikun hemm, bejn il-vjolenza adoperata u l-kongungiment karnali, in-ness ta' kawza u effett, ta' mezz u fini.** Fi kliem Majno: '… vano e pericoloso sarebbe il tentativo di disciplinare l'intensita`, i caratteri, l'idoneita` dei mezzi medesimi, se essi sono affatto relative al soggetto attivo e passive del delitto. Secondo l'eta`, lo stato della salute e delle forze ed il temperamento della vittima, puo` avvenire che raggiungano l'intento dei mezzi che considerati in se` stessi, nella generalita` dei casi, dovrebbero ritenersi inefficaci; o che riescano frustranei mezzi ed apparati per se` stessi, nella generalita` dei casi, idonei. L'indagine caratteristica del delitto si riduce a questo, di determinare se la congiunzione carnale sia avvenuta contro la volonta` della vittima, e non ostante quella resistenza che secondo le sue forze fisiche e la sua energia morale ha potuto fare. Tutto il resto si riduce ad un apprezzamento delle circostanze del fatto che rientra nelle nozioni piu` ovvie della vita" (op. cit., para. 1463, pp. 178, 179). Ghalhekk ma huwiex il-każ, kif donnu qed jippretendi l-appellant, li biex ikun hemm l-istupru jrid ikun hemm, da parti tal-vittma, xi resistenza sa l-dahar nifs, jew li l-istess vittma tant tkun irresistiet fizikament li tispicca mbengla minn rasha sa saqajha."
> [sottolinejar tal-Qorti]

Fid-dawl tal-provi miġjuba w in segwitu tal-ġurisprudenza li saret ampja riferenza għaliha, ma hemmx dubbju li l-għemil tal-imputat jinkwadra f'dak ta **stupru vjolenti**. Ix-xiehda ta' Omissis hi waħda korroborata bi provi konkreti li twassal lil Qorti tagħti affidabbiltà` sħiħa lil din ix-xhud. Hi xhieda konsistenti, li għandha mis-sewwa u kredibbli.

[169] **Il-Pulizija vs Malcolm Mifsud**. Per Onor. Imħallef Dr. David Scicluna; Deċiża 13 ta' Lulju, 2007; Appell Kriminali Numru. 302/2005

Għalhekk il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni ppruvat sal-grad mistenni l-każ tagħha in kwantu għall-istupru li seħħ fuq medda ta' żmien, bejn Jannar u Awissu, 2017.

It-Tieni w it-Tielet Imputazzjoni: *Stalking* u *Harassament* (Artikoli 251AA, 251AA u 251A tal-Kodici Kriminali rispettivament)

Il-Qorti tal-Appell Kriminali trattat f'dettal ir-reat ikkontemplat bl-artikolu 251A:[170]

> F'dan il-jum l-appellant allegatament gab ruhu b'mod li ta fastidju lil martu kif ukoll illi gieghlha tibza' li kienet ser tintuza vjolenza fil-konfront tagħha u dan kif imfassal fl-artikoli 251A(1)(2) u 251B tal-Kapitolu 9.
>
> **"Illi mal-promulgazzjoni ta' dan ir-reat, il-legislatur fittex sabiex tiġi issanzjonata dik l-imġieba li tista' tohloq fastidju, ghalkemm l-ebda definizzjoni ma tinghata lil dan it-terminu legali.**
>
> > **"Dan l-artikolu huwa meħud kważi kelma, b'kelma mil-liġi 'Protection of Harassment Act 1997'. Dwar l-Att l-Archbold jgħid dan li ġej:**
> >
> > ***'The Act describes itself as one 'to make provision for protecting persons from harassment and similar conduct.' It was passed for the purpose of dealing with the phenomenon of 'stalking'. There is, however, no attempt at a definition of harassment, although section 7(2) provides that references to harassing a person include alarming the person or causing the person distress. In 'Tuppen and anor vs Microsoft Corporation Limited and anor, The Times' November 15 2000, QBD, Douglas Brown J held that there being no definition of 'harassment' in the Act, it was legitimate to have recourse in the proceedings in Parliament as an aid to construction because the wide potential and far-reaching meaning that might be attributed to the word; such reference made clear that the behaviour sought to be controlled was conduct such as stalking, anti-social behaviour by neighbours and racial harassment. But in 'Thomas vs News Group Newspaper Ltd and anor, The times, July 25th 2001, CA (Civ.Div) it was held that the Act is concerned with conduct targeted at an individual which was calculated to produce alarm or distress and which was oppressive and unreasonable***
> >
> > ***Two incidents can constitute a 'course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely its that they could be described as 'a course of conduct': Lau vs DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC. In 'Pratt vs DPP' 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding***

[170] **Il-Pulizija vs Ahmad Yassine** per Onor. Imħallef Edwina Grima Deċiża 8 ta' Jannar, 2020; Appell Nru: 192/2017

***whether to prosecute when there was only a small number of incidents relied upon.*[171]*"***

**Illi minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-ligi ghandu johrog illi l-awtur tar-reat irid ikollu l-intenzjoni illi johloq fastidju lil vittma tiegħu bl-imgieba tiegħu. Tant hu hekk illi din l-intenzjoni tissarraf f'imġieba volutament ripetuta u intenzjonata sabiex iddejjaq u tivvessa.**[172]

**Illi wkoll fl-istess sentenza saret referenza għat-tifsira tal-fastidju mill-ġurista Blackstone fejn:**

**'...it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "Harassment") ġie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-**

***"Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",***

**...dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan għaliex kif ġie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Alan Omissis Carabez" [21.6.07] :-**

**".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' żmien."**

**Illi jidher allura li t-test li għandu jiġi adoperat biex jiġi stabblit jekk hemmx fastidju 'illeċitu' o meno huwa billi jiġi applikat it-test oġġettiv iktar milli dak soġġettiv filwaqt pero li jittieħed qies tal-fattispeċi kollha tal-każ u l-assjem taċ-ċirkostanzi kollha li setgħu wasslu lil kwerelant jieħu l-passi li ħa.**

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bajada** ġie kkunsidrat:[173]

"Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassement kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B ġew introdotti ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-gurisprudenza tal-qrati taghna jidher illi l-imġieba li tohloq il-fastidju trid tkun "*a course of conduct*" u mhux incident wiehed u izolat. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs James Demanuele** deciza fis-26 ta' Novembru 2009 il-Qorti stqarret:

"L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imġieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imġieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu

---

171 App. Inf. **Il-Pulizija vs Carmelo Vella** – 14/05/2012

172 **Il-Pulizija vs Massimo Tivisini**

173 Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, Magistrat Dr. Edwina Grima, [02.05.2013]

tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imġieba kienet waħda ragjonevoli. Fl-artikolu 251 C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': ("*alarming")* jew idejjaq: ("*causing ..distress")* lill-persuna.

…..

Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. *("alarming the person or causing the person distress"* fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "*harassment".* Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati. Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tiġi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi."

Illi mill-qari ta' l-akkuza jirrizulta illi l-imputat qed jigi akkuzat b'incident wiehed li sehh is-6 ta' Gunju, 2015. Illi għalhekk il-Qorti ma tistax tqies il-fatti kif stabbiliti fil-kawza bhala a *"course of conduct"* (fit-test Ingliz) li skond gurisprudenza recenti ta' din il-Qorti trid tirrizulta biex jissussistu dawn ir-reati ta' fastidju w ikkagunar ta' biza' (ara f' dan is-sens l-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Raymond Parnis"** per V. De Gaetano C. J. [24.4.2009]). L-Proskezzjoni fl-akkuza qed tirreferi biss ghall-incident wiehed u izolat u qed takkuza lill-imputat b'dak, ghalkemm l-akkuza donnha qed tirreferi ghar-reat bhala wiehed kontinwat."

Il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha s-segwenti konsiderazzjonijiet x'tagħmel fis-sentenza **Il-Pulizija vs Oscar Robert Magri**:[174]

Illi din il-Qorti bhall-Ewwel Qorti qabilha tistqarr illi ma tistax taghti affidament lill-appellant. Tqies illi l-appellant kien qed isegwi l-passi tal-parti leza f'iktar minn okkazzjoni waħda. Din il-verzjoni tal-fatti tal-parti leza baqghet waħda konsistenti kemm meta rrappurtat din il-vicenda lil pulizija, kemm meta xehdet quddiem l-Ewwel Qorti u anke issa fi stadju ta' revizjoni. Jidher illi ghalkemm ir-relazzjoni ta' bejn il-ko-litigandi kienet ilha li ntemmet xi żmien qabel, l-appellant ma setax jaccetta dan il-fatt u baqa' isegwi l-passi tal-ex siehba tiegħu.

Illi dan l-agir tal-appellant jikkostitwixxi 'l hekk imsejjah course of conduct li titkellem dwaru l-gurisprudenza tal-qrati taghna meta inghatat interpretazzjoni ta' dak li jikkostitwixxi r-reita' tal-persuna mixlija bir-reat tal-fastidju mahsub fl-artikolu 251A(1)(2) tal-Kapitolu 9.
Illi mal-promulgazzjoni ta' dan ir-reat, il-legislatur fittex sabiex tiġi issanzjonata dik l-imġieba li tista' toħloq fastidju, għalkemm l-ebda definizzjoni ma tingħata lil dan it-terminu legali……

Espost dan it-taghlim gurisprudenzjali fid-dawl tal-provi prodotti huwa indubitat, kif inghad, illi l-agir ripetut u persistenti tal-appellant li baqa' isewgi il-passi tal-ex siehba tiegħu wara li intemmet ir-relazzjoni ta' bejniethom qed johloq vessazzoni u dwejjaq fil-parti leza …….

174 Per Onor. Imħallef Edwina Grima; Deċiża 30 ta' Settembru, 2020. Appell nru. 123/2019

Kemm Omissis kif ukoll ħabibitha xehdu kif kienu dejjem jsibu lil Xuereb iħuf u jitlajja fil-viċinanzi fejn tkun qeda Omissis . Xehdu dwar ir-reazzjoni panikuza ta' Omissis meta kienet tinduna li dan kien fil-qrib jew li qed jinsisti jagħmel kuntatt magħha. Ħabibitha xehdet: *"We used to walk out of the office, dejjem irid ikun x' imkien fil-vicinanzi.*[175]*…. Malli nohorgu ghall-break, dejjem insibuh x' imkien. Jew up the road, jew round the corner. Dejjem x 'imkien. Kull darba li nohorgu, lil dan irridu narawh, any time of the break, we see him*[176]*….Ma' nghaddux minn ċertu toroq to avoid seeing him. We used to go down to Exiles, he used to be there.* ***U darba we caught him, jiehu r-ritratti ta' Omissis****. <u>Darb' ohra</u> hrigna mill-uffiċju ghall-break, bdejna mexjin, ftit metres away from the office, hu* ***hadilna ritratt, jiena u Omissis, minn wara. Sirna nafu għax imbghad wara, hu bghat il-messagg lilha bir-ritratt****. U hi kienet urietuli r-ritratt….".*[177]

Jispjegaw kif saħansitra kienet isibu kif tispiċċa mix-xogħol jistenniha, u meta ma baqgħetx tagħtih wiċċ u ppruvat tevitah, dan wasal mar isaqsi dwarha għand il-*parker*, fejn kienet tħalli l-vettura tagħha. Omissis 1 tispjega li meta fis-16 t'Awissu, 2017, fl-4pm ħarġu mill-uffiċċju malli daru minn Strada Stretta għal Old Bakery Street, David kien fil-vettura tiegħu w beda jgħajjat lil Omissis li injoratu w baqgħet miexja iżda baqa' jsejħilha. L-għada wara x-xogħol għamel l-istess.[178] Ftit ġranet wara, meta kienu marru għax-xogħol bil-vettura tax-xhud, il-*parker* tal-Foss qalilha li raġel mar talbu ċ-ċavetta tal-vettura ta' Omissis.[179] Id-deskrizzjoni li taha l-*parker* kienet ta' David u tal-vettura tiegħu, Renault *convertible* b'*seats* ħomor.[180]Semmiet ukoll kif fl-aħħar xahrejn kienet tmur għal Omissis peress li din bdiet tibża timxi waħedha.[181] L-assedju ta' messaġġi w t-telefonati kontinwi tiegħu, l-*emails* tiegħu mibgħuta fuq l-*email* tax-xogħol, it-telefonati inkluż fuq il-post tax-xogħol, joffru prova inkonfuttabbli tal-fastidju, ossia *harassment,* inċessanti li ssoġġetta lil Omissis għalih.

Ċertament mix-xhieda tagħha jirrizulta li Omissis bdiet tibża għas-sigurtà tagħha. U tassew kellha għalfejn għaliex l-aġir u l-komportament ta' Xuereb ma kienx lanqas remotament dak li wieħed jistenna minn persuna adulta w ċivili. Hu <u>l-istess imputat li jikkonferma</u> li kien mar jipprova jitkixxef dwar il-movimenti ta' Omissis wara li din kienet ibblukatu: *"Jien lill-parker kont staqsejtu jekk ghadux jaraha hawnekk, sibtha ma ghadhiex tahdem il-Belt, that's all, ma kont*

[175] Fol.72
[176] Fol.73
[177] Fol.73-74
[178] Fol.78
[179] Fol.78
[180] Fol.80
[181] Fol.79

*ghidtlu xejn iktar. Qalli le tiġi ghadha tahdem hawn, ghidtlu orrajt that's all u tlaqt l hemm."*[182]

Meqjusa l-atti elenkati l-artikolu 251AA(3) tal-Kodiċi Kriminali, l-għemil fastidjuż versatili ta' Xuereb jinkwadra taħt il-paragrafi (a), (b) u (e) ta' dak l-artikolu.

Madanakollu l-iktar prova reġina dwar sa fejn irnexxielu jasal bl-insegwiment tiegħu, kienu **l-filmati li hu stess ipproduċa w dderiġa**. Filmati li juru kif dan kien jispijja fuqha bil-moħbi biex b'hekk l-insegwiment tiegħu jikkonfigura anke fil-paragrafu (g) tal-imsemmi artikolu 251AA(3) tal-Kodiċi.

Issir riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta, **Il-Pulizija vs Paul Lughermo**:[183]

> Din il-Qorti hija moralment konvinta li dan huwa każ partikolari ta' fastidju li jieħu l-forma ta' insegwiment. Issa f'dan il-każ il-Qorti rat li l-Prosekuzzjoni addebitat lill-imputat ir-reat ta' fastidju ġenerali taħt l-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali. Din il-Qorti kienet tilqa din it-teżi tal-Prosekuzzjoni li kieku din il-kawża kienet magħmula qabel id-daħla fis-seħħ tal-Artikolu 251AA bl-Att XXIV tal-2014.
>
> Bis-saħħa ta' dak l-Att ir-reat ta' fastidju taħt l-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali assuma aktar minn qatt qabel il-karattru ta' genus b'tipoloġija ta' azzjonijiet li sa dakinhar setgħu ikunu klassifikati li jaqgħu taħtu issa jiġu misluta u konċentrati f'reati ad hoc li jassumu karattru ta' species.
>
> Hekk jirriżulta li ġara bil-promulgazzjoni tar-reat ta' segwiment ta' persuna bil-moħbi skont l-Artikolu 251AA tal-Kodiċi Kriminali. Dan l-artikolu jaqra hekk:
>
> **251AA.** (1) Persuna:
>
> (*a*) li ġġib ruħha b'mod li jkun bi ksur tal-artikolu 251A(1), u
> (*b*) l-imġiba tagħha jammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi, tkun ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu.
>
> (2) Għall-finijiet tal-paragrafu (*b*) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu u l-artikolu 251BA(1)(*a*), persuna ġġib ruħha b'mod li l-imġiba tagħha tkun tammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi jekk:
> (*a*) tammonta għal fastidju ta' dik il-persuna,
> (*b*) tikkostitwixxi xi wieħed mir-reati msemmija fis-subartikolu (3),
> (*ċ*) dik il-persuna, li twettaq dik l-imġiba, taf jew imissha tkun taf li dik l-imġiba tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra, u
> (*d*) tikkostitwixxi kondotta ripetuta li ġġiegħel lill-persuna l-oħra li tibża' għas-sigurtà tagħha.
>
> (3) Dawn l-atti li ġejjin għandhom jitqiesu bħala atti ta' segwiment ta' persuna bil-moħbi:

[182] Fol.623
[183] Per Onor. Magistrat Dr. Aaron Bugeja; Deċiża 19 ta' Diċembru, 2016

(*a*) li wieħed jimxi wara persuna,
(*b*) li wieħed jagħmel kuntatt, jew jittanta jagħmel kuntatt, ma' persuna bi kwalunkwe mezz,
(*ċ*) il-pubblikazzjoni, bi kwalunkwe mezz, ta' xi dikjarazzjoni jew materjal ieħor -
(i) li jirrigwarda jew li jagħti lil wieħed x'jifhem li jirrigwarda persuna, jew
(ii) li jagħti lil wieħed x'jifhem li joriġina minn persuna,
(*d*) il-monitoraġġ tal-użu ta' persuna tal-internet, tal-posta elettronika jew ta' kull forma oħra ta' komunikazzjoni elettronika,
(*e*) li wieħed jitlajja fi kwalunkwe post, kemm pubbliku jew privat,
(*f*) indħil f'xi proprjetà li tkun fil-pussess ta' persuna,
(*g*) li wieħed joqgħod għassa jew jispija fuq persuna.

Issa f'dan il-każ, ix-xiehda ta' May Jones u wliedha jippruvaw l-elementi ta' dan l-ispeċje speċifika tar-reat ta' fastidju. Meta l-fattispecie jkunu għalhekk tali li jagħtu lok għal dan ir-reat, il-Prosekuzzjoni trid taddebita dan ir-reat lill-imputat u mhux ir-reat ta' fastidju ġeneriku, anke jekk dak jikkostitwixxi l-genus. Ladarba l-Liġi tippreskrivi *species* ta' reat, il-Prosekutur għandu jaddebita dak l-i*species* u mhux jistrieh fuq il-*genus*.

Ma kienx l-iskop tal-Leġislatur li joħloq dan ir-reat speċifiku u fl-istess waqt iħalli li l-Prosekuzzjoni tkompli titmexxa in bażi għar-reat ġeneriku. Dan ir-reat ġie maħluq speċifikament sabiex dik il-fattispecie partikolari tas-segwiment tiġi indirizzata speċifikament b'reat *ad hoc* u b'pieni maġġorati inkwantu huma ogħla minn dawk preskritti firrigward tar-reat tal-fastidju ġeneriku.

Għalhekk minkejja li r-reat ta' fastidju taħt l-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali huwa l-*genus*, bil-mod ta' kif ġie promulgat l-Artikolu 251AA, tal-Kodiċi Kriminali, inkluż kemm bil-fatt li : -

(a) dan ir-reat li huwa bażat fuq fattispecie li titnissel u li tinkwadra ruħha fil-parametri tal-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali tant li l-imġieba tal-Artikolu 251A trid tkun saħansitra wieħed millelementi kostituttivi tar-reat ta' segwiment,

(b) kif ukoll minħabba li l-piena preskritta għar-reat ta' segwiment hija maġġuri għal dik infliġġenda fil-każ ta' fastidju ġeneriku,

ma jistax jingħad li r-reat ta' segwiment huwa reat minuri iżda kompriż u involut fir-reat ta' fastidju.

Mill-banda l-oħra qajla jkun jagħmel sens ġuridiku li jingħad li r-reat aktar ampju u li minnu tnissel u li fuqu huwa bbażat ir-reat ta' segwiment u ċjoe ir-reat ta' fastidju taħt l-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali huwa reat li huwa minuri iżda kompriż u involut fir-reat ta' segwiment.

Li r-reat ta' segwiment issa ingħata eżistenza separata u distinta minn dik tar-reat ta' fastidju ġeneriku huwa muri wkoll mill-kliem użat mill-Leġislatur innifsu meta ħoloq dan ir-reat. Il-kliem użati huwa tassattivi.

Persuna li ġġib ruħha b'mod li jkun bi ksur tal-artikolu 251A(1) u l-imġiba tagħha tammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi, tkun ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu 251AA u mhux 251A tal-Kodiċi Kriminali. Hawnhekk jirriżulta għalhekk li l-Leġislatur silet din il-fattispecie u ppreskriviha f'reat speċifiku, u li kellu jiġi imputat f'dan il-każ. Peress li l-Prosekuzzjoni ma mexxietx il-kawża tagħha in bażi għal dan ir-reat ta' segwiment bil-moħbi skont l-Artikolu 251AA tal-Kodiċi Kriminali meta dak li stqarrew ix-xiehda Jones, Grech u Fleri Soler kienu jinkwadraw pjenament fil-qafas tiegħu, din il-Qorti ma tistax issa ssib lill-imputat ħati taħt l-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali.

Fl-aħħar nett, tajjeb li tingħata importanza wkoll għal dak li jipprovdi l-artikolu 251C tal-Kodiċi Kriminali.

> **251Ċ.** Fl-artikoli 251A sa 251BA, it-tnejn inklużi, riferenzi għall-għoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wieħed jagħti qata' jew ideįjaq lill-persuna.

Dak il-*harassment,* il-fastidju ripetittiv, kontinwu w kostanti ta' Xuereb, biż-żmien evolva għal *stalking*, il-fastidju l-aktar gravi, fejn dan ma ħasibiex darbtejn biex jiffilmja bil-moħbi w b'hekk jispijja fuq Omissis meta l-aktar kienet debboli, vulnerabbli w mkissra emozjonalment.

L-għemil ta' Xuereb jiffigura kemm bħala fastidju sempliċi (meta kien jimbumbardjaha b'messaġġi, joħdilha ritratti w iċemplilha kostantament) kif ukoll fastidju ferm aktar sinistru, lis-*stalking*. Xuereb beda jsegwi l-passi tagħha, jitkixxef dwarha, jieħu ritratti tagħha w ħabibitha bil-moħbi. Jitfakkar dak li xehdet Omissis 1: *"U **darba we caught him, jiehu r-ritratti ta' Omissis**. Darb' ohra hrigna mill-ufficju ghall-break, bdejna mexjin, ftit metres away from the office, **hu hadilna ritratt, jiena u Omissis, minn wara. Sirna nafu għax imbghad wara, hu bghat il-messagg lilha bir-ritratt**. U hi kienet urietuli r-ritratt....".*[184]

Xuereb stess jasal biex jammetti li kien beda jsegwi l-movimenti ta' Omissis wara li din kienet ibblukatu: *"Jien lill-parker kont staqsejtu jekk ghadux jaraha hawnekk, sibtha ma ghadhiex tahdem il-Belt, that's all, ma kont ghidtlu xejn iktar. Qalli le tiġi ghadha tahdem hawn, ghidtlu orrajt that's all u tlaqt l hemm".*[185]

Għalhekk f'dan il-każ japplika l-prinċipju tal-konkors formali ta' reati, fejn il-piena applikabbli għandha tkun dik l-aktar gravi w cioe` dik ravvizata bl-artikolu 251AA tal-Kodiċi Kriminali.

F'dan ir-rigward ser issir riferenza għall-każ li għalkemm ma jittrattax reati għal kollox identiċi, il-konsiderazzjonijiet hemm magħmulha jsibu applikazzjoni għal każ in deżamina. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-deċiżjoni tagħha fil-proċediment **Il-Pulizija vs John Pace** kkunsidrat:[186]

> Illi stabbilit għalhekk illi l-fattispecje tal-każ iwasslu ghar-reita ta'l-appellanti, il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina t-tieni lanjanza minnu imressqa diretta lejn is-sentenza impunjata meta jishaq illi huwa ma setax jigi misjub hati tat-tlett reati ikkontemplati fl-artikoli 251A, 251B u 251BA tal-Kapitolu 9 billi l-elementi kostituttivi tagħhom huma l-istess u allura kellha tiġi erogata il-piena

---

[184] Fol.73-74

[185] Fol.623

[186] Per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.; Appell Nru: 480/2015; Deċiża 21 ta' Jannar, 2016

ghar-reat l-iktar gravi biz-zewg reati l-ohra ikunu komprizi u involuti fir-reat l-iktar gravi. Illi dina l-ipotezi tal-konkors formali tar-reati ġiet imfissra fl-artikolu 78 tal-Kodici penali Taljan tal-1889

***"Colui che con un medesimo fatto viola diverse disposizioni di legge, e' punito secondo la disposizione che stabilisce la pena piu' grave."***

Dwar dan il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu dawar il-Proċedura (paġina 45) jgħid hekk:

***'In any such case if the agent is tried for any one of the several violations of the law arising out of that fact, be it even the least serious, and a judgement is given, it shall not be lawful to subject the agent to another trial for the more serious violations. This principle, first expressly affirmed in 'Rex versus Rosaria Portelli' has now become settled law."***

"Fil-fatt fit-2 ta' Diċembru, 1939, l-Imħallef Harding fil-każ **'Camilleri versus Cilia'** kien qal li huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li meta mill-istess fatt, **mibni fuq l-istess intenzjoni**, jinkisru żewġ drittijiet jew aktar, **m'hemmx pluralita' ta' offiżi iżda offiża waħda** bil-vjolazzjoni li jkunu iżgħar jkunu assorbiti filvjolazzjoni l-aktar serja. U jekk persuna tkun iġġudikata għal waħda millvjolazzjonijiet u jkun meħlus jew jinsab ħati, is-sentenza iżżomm kull prosekuzzjoni ġdida li tista' ssir għal kull vjolazzjoni oħra, ukoll jekk il-vjolazzjoni li jkun tressaq fuqha l-ewwel darba tkun l-anqas waħda serja.[187]"

Dwar il-konkors formali l-Professur Anthony Mamo fin-Noti tiegħu ikompli jgħid hekk:

***"The first form of the formal or Ideal concursus arises where the same 'fact' constitutes an offence under two or more provisions of the law. The two elements are, therefore, one fact and several violations of the law.... It is essential that the violations of the several provisions of the law be the result of a single action on the part of the offender and the same criminal determination.....in other words, they are accompanied by one formal element of the offence. That which therefore prevails in determining whether the fact was one is the assessment of the intention and the purpose of the agent. But, on the other hand, it must be noted that the 'fact' may consist of several acts or a series of acts which, being inspired by one single criminal purpose, constitute together one single deed or transaction.' (page 152).***"

Illi minn qari ta' dan l-aggravvju jidher illi l-appellanti qieghed isostni illi fil-każ ta'lewwel tlett imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tiegħu hemm il-konkors formali tar-reat u dan għaliex billi l-fatti huma unici u jammontaw ghall 'hekk imsejjah course of conduct, element essenzjali ghall-ewwel tlett imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tiegħu, fejn ripetutament jaghti fastidju lil martu, l-Ewwel Qorti kellha tapplika l-piena ghar-reat l-iktar gravi.

Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassement kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B ġew introdotti ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-gurisprudenza tal-qrati taghna jidher illi l-imġieba li tohloq il-fastidju trid tkun "a course of conduct" u mhux incident wiehed u izolat, kif jirrizulta manifestament fil-każ in dizamina. Illi l-Att XXIV ta'l-2014 imbaghad introduca ir-reat tas-segwiment tal-persuna bil-mohbi intenzjonat jew sabiex jikkaguna biza f'dik il-persuna li ser tintuza xi vjolenza kontra tagħha jew inkella sabiex tohloq alarm jew dwejjaq. Illi f'dan il-każ il-ligi specifikatament tindika illi irid ikun hemm ta'l-inqas zewg okkazzjonijiet. Illi minn ezami akkurat maghmula mill-Ewwel Qorti ta' dawn it-tlett reati, johrog illi l-imġieba ta'l-appellanti

[187] **Il-Pulizija vs Gregory Paul Brincat et** – App.Inf. 20/09/2012

kienet twassal ghal sejbien ta' htija ghal dawn it-tlett reati billi ghalkemm il-fattispecje huma unici iżda l-appellanti sar hati tar-reat tal-fastidju, tal-biza mill-vjolenza u tal-insegwiment bil-mohbi akkompjant bil-biza tal-vjolenza. Kif ġie deciz b'analogija mal-att ta'l-akkuza:

"***Att uniku jista` jaghti lok ghall-ksur ta` aktar minn disposizzjoni waħda tal-ligi. ... Id-dottrina u l-prattika kostanti tal-Qrati taghna fil-materja ta` reat uniku tindika illi fejn si tratta ta` "un solo e medesimo fatto", cjoe` att wiehed li jkun jirrizulta mill-istess intenzjoni kriminuza, liema att jinvolvi aktar minn dispozizzjoni waħda tal-ligi, ikun hemm l-unicita` tar-reati, cjoe` jkun hemm reatwiehed, dak magguri, salv pero` illi trid tirrizulta` necessarjament dik li hija msejha bhala l-inseparabilita` naturali u guridika bejn iz-zewg reati."[188].***

Dan ifisser allura illi l-akkuzi kif postulati ma humiex alternattivi ghal xulxin billi l-istess att doluz wassal ghal kummissjoni tad-diversi reati ta' fastidju stabbiliti fil-ligi. Kwindi stabbilit illi l-fatti doluzi kienu kollha iwasslu ghal kummissjoni tar-reati li bihom l-appellanti ġie akkuzat, u stabbillit ukoll illi f'dan il-każ kellu jirrizulta l-konkors formali tar-reati li ġew addebitati lill-appellanti, huwa kellu jigi misjub hati tar-reat l-aktar gravi.
[sottolinejar tal-Qorti]

## Ir-Raba' Imputazzjoni: Attentat Vjolenti għal Pudur

F'sentenza mogħtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Gerald Cassar** (deċiża fit-18 ta' Lulju 1959) ntqal:[189]

"***L-attentat vjolenti ghal pudur – il-vokabolu 'attentat' fis-sens ta"osare', 'ardire', 'thebb' – jew oltragg vjolenti ghal pudur hu kostitwit minn tutti quegli atti impudici commessi sopra altra persona contra la di lei volonta. (Carrara, Programma – 1542)", li ma jkunux jammontaw ghal wiehed mid-delitti, ikkunsmat jew attentat, msemmija fl-artikoli ta' qabel ……. "Nell'essenza di fatto del delitto di oltraggio violento al pudore non si richieggono condizioni speciali degli elementi costitutivi del corpus criminis in tale maleficio si esaurisce nelle condizioni materiali di un atto esercitato sulla persona altrui, dal quale ne risulti un oltraggio al di lei pudore eseguito con pravo fine e previsione di tale risultato (ibid. §1548).***"[190]

---

[188] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Michael Bonnici u Joseph Azzopardi** – 11 ta' Jannar, 1994; Appell Superjuri
[189] Vol.XLIIIE a fol.115
[190] In kwantu ghat-tentattiv ta' dan ir-reat, "….nell'oltraggio violento al pudore difficilmente si potra` costruire la figura di un tentattivo punibile. Avvegnache` sia evidente per le nozioni generali che, se gli atti impudici hanno avuto incomminciato, il conato sparisce per raggione di eccesso, rappresentandosi in quegli atti una violazione gia` complete del diritto attaccato, senza bisogno di cercare se il colpevole raggiungesso o ne il pieno sfogo del brutale appetite. E se inve l'atto impudico non avra` ancora avuto cominciamento, non troveremo altri termini tranne quelli di atti preparatori, ed il conato sparira` per difetto".(*Ibid.*§1552; Crivellari, Codice Pebale, Vol.VII, Pag.486);

Fis-sentenza ferm erudita tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Oglive Grima,** il-Qorti għamlet eżami *funditus* tar-reat msemmi qabel l-emendi li saru bl-Att XIII tal-2018:[191]

> L-appellant jikkontendi illi huwa nieqes l-element tal-vjolenza mehtieg ghar-reat mahsub fl-artikolu 207 tal-Kodici Kriminali, liema element kien mehtieg sabiex jissussisti r-reat fiz-zmien tal-kummissjoni tiegħu. Dan għaliex permezz tal-emendi introdotti bl-Att XIII tal-2018 dan l-element ġie eradikat biex b'hekk issa l-att materjali tar-reat twessa' u dan meta illum jitqies hati kull minn jikkometti att ta' natura sesswali minghajr il-kunsens tal-vittma, bil-ligi ma toffri ebda definizzjoni ta' dak li ghandu jikkostitwixxi l-att materjali. L-artikolu 207 tal-Kodiċi Kriminali fiż-żmien mertu tal-każ kien jinqara kif ġej:
>
> > **"Kull min jinsab ħati ta' attentat vjolent għall-pudur li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa sena: Iżda fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 202, il-piena tiżdied bi grad."**
>
> Bl-artikolu 201 tal-Kodiċi Kriminali imbaghad iqies dawk ċ-ċirkostanzi meta jkun hemm il-preżunzjoni tal-vjolenza, mhux biss fir-rigward tar-reat tal-istupru, iżda ukoll ghal kull reat ieħor ta' attentat ghal pudur li jsir bil-vjolenza.
>
> L-appellant jilmenta illi l-element tal-vjolenza huwa nieqes sabiex b'hekk ir-reat ma jistax jissussisti. Illi l-Qorti tistqarr minnufih li ma tistax taqbel ma din l-affermazzjoni ghalkemm ma ssibx applikazzjoni il-presunzjoni legali stabbilita fl-artikolu 201 hawn fuq iccitat, gjaldarba ma jikkonkorrux ic-cirkostanzi hemmhekk ravvizati bl-appellant akkuzat unikament li ikkometta dan ir-reat fil-konfront ta' Shania Agius li kellha 'il fuq minn tnax-il sena. Illi llum l-legislatur haseb sabiex darba ghal dejjem jekwipara dan l-element tal-vjolenza ma' dak tan-nuqqas tal-kunsens similment ghal posizzjoni legali fil-ligi brittanika fejn kull att sesswali jew tentattiv ta' att ta' natura sesswali minghajr il-kunsens tal-vittma jammonta ghal reita'. Jinghad madanakollu illi **l-gurisprudenza, mal-medda taz-zmien, xortawahda rabtet dan l-element tal-vjolenza ma' dak fejn jonqos il-kunsens tal-vittma**.
>
> [emfazi ta' din il-Qorti]
>
> > **"L-attentat vjolent ghall-pudur, jew oltragg vjolent ghall-pudur, hu kostitwit minn <u>dawk l-attijiet impudici kollha li jigu kommessi fuq persuna ohra kontra l-volonta' tagħha</u> li ma jammontawx ghal wiehed mid-delitti, ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel dak numru 222 tal-Kodici Kriminali. Hu difficli tirraviza l-figura ta' tentattiv ta' dan ir-reat; għax jekk l-attijiet impudici ghandhom ga bidu, l-attentat jispicca u dawk l-attijiet jirrapprezentaw vjolazzjoni ga kompleta tad-dritt attakkat, minghajr ma hemm bzonn li wiehed jara jekk il-hati rraggungiex jew le l-iskop impudiku tiegħu; mentri jekk l-atti impudici ma jkollhomx bidu, allura jitqiesu biss bhala atti preparatorji, u l-attentat jisparixxi."**[192]

[191] Deċiża 30 ta' Settembru 2020 Per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.; Appell Nru: 214/2019

[192] **Il-Pulizija vs Gerald Cassar** deċiża nhar it-18 ta' Lulju, 1959, mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) u preseduta mill-Imħallef Joseph Flores.

Illi l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Vjolenza fir-rigward tan-Nisa u l-Vjolenza Domestika jaghti is-segwenti definizzjoni ta' dak li ghandu jikkostitwixxi vjolenza kontra n-nisa:

> **"violence against women" is understood as a violation of human rights and a form of discrimination against women and shall mean all acts of gender-based violence that result in, or are likely to result in, physical, sexual, psychological or economic harm or suffering to women, including threats of such acts, coercion or arbitrary deprivation of liberty, whether occurring in public or in private life.**

Illi din id-definizzjoni thaddan fiha kull forma ta' vjolenza sew morali sew fizika, sesswali u psikologika jew kull forma ta' hsara maghmula kontra persuna tas-sess femminili li tinkludi anke it-theddida ghall-istess. Dan ifisser allura illi l-appellant ma jista' qatt iqies illi l-atti impudici li dwarhom huwa ġie misjub hati ma ghandhomx fihom l-element tal-vjolenza meta ġew kommessi fuq persuna ta' taht l-eta u cioe' tfajla ta' hmistax-il sena fil-presenza ta' minuri ta' tmien snin, meta minghajr il-kunsens ta'l-istess kien hemm tokkamenti fuq is-sider u l-warrani ta'l-istess tfajla u anke meta huwa qabadha minn ghonqha kontra l-volonta tagħha sabiex jipprova ibusha. Mhux biss iżda meta din irresistiet dawn l-atti fuq il-persuna tagħha billi xejritlu daqqa fuq wiccu huwa ghadda biex kixef il-virga maskili tiegħu u mmasturba quddiemha u quddiem il-minuri l-ohra f'post pubbliku.

Gie deciz illi anke l-att kważi fuġġesk ta'l-awtur tar-reat mhux magħmul b'intenzjoni libidinuża u wkoll nieqes mill-potenzjalita` korruttriċi iżda sufficjenti biex jiġi oltraġġat il-pudur tal-minorenni (jew almenu ta' uħud minnhom), kien bizzejjed sabiex jivverifika ruhu r-reat mahsub fl-artikolu 207 tal-Kodici Kriminali bhala aġir li għandu jitqies li jikkostitwixxi attentat vjolenti għall-pudur[193] [sottolinejar ta' din il-Qorti]

Espost dan it-tagħlim ġurisprudenzjali w kkunsidrati l-provi m'hemmx dubbju mill-intenzjoni libidinuza ta' Xuereb. Lanqas ma hemm dubbju dwar kemm il-darba Omissis talbet lil Xuereb iwaqqaf l-avvanzi sesswali tiegħu. Il-filmati minnu meħuda joffru prova skjaċċanti tal-atti impudiċi li seħħew kontra l-volontà tagħha fit-12 ta' Jannar 2017 (**CMZ06_BJ**) u fl-20 ta' Frar 2017 (**CMZ08**), atti li għalkemm ma wasslux għall-stupru, m'hemmx dubbju li **jikkonfiguraw taħt ir-reat ta' attentat vjolenti għal pudur.**

Bħala parentesi w biss bħala punt akkademiku jiġi sottolinejat li bl-**Att XIII tal-2018**, dan l-istess għemil illum jinkwadra taħt ir-reat ta' stupru kif definit b'dak l-Att. Madanakollu tibqa' l-ligi li kienet fis-seħħ fl-2017 li ssib applikazzjoni għal każ in deżamina.

Il-Hames Imputazzjoni: Ibbeża' li se tintuża vjolenza kontra persuna, Artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali

193 **Il-Pulizija vs Omissis** – App.Inf. 164/2012 deċiża 22/03/2017

Imiss li jiġi trattat ir-reat ravvizat bl-artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali, il-ħames imputazzjoni.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ahmad Yassine** ġa ċitata aktar il-fuq, il-Qorti tal-Appell Kriminali kkunsidrat:

> In oltre għal dak li jirrigwarda l-artikolu 251B tal-Kapitolu 9 fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Coleiro**, din il-Qorti diversament ippreseduta rriteniet is-segwenti:
>
> **Biex ikun hemm htija taht l-artikolu 251B irid ikun hemm a course of conduct kif juri l-kliem "lil xi haddiehor hekk jibza' kull darba minn dawk l-okkazjonijiet". Jista' jkun hemm aktar minn okkazjoni waħda fl-istess jum u għalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta waħda.**[194]
>
> **'Dan kollu – u cioe` dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat ġie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk:**
>
> ***"A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions." L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza ttest Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tiegħu, hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions..."*** **(sottolinear ta' din il-Qorti).**
>
> **Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni waħda iżda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008:**
>
> ***'How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct...It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday...'***

---

[194] Deċiża fis-7 ta' Marzu 2012 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) preseduta mill-Imħallef David Scicluna, Ref. 205/11

**"Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, per di piu`, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet talArtikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tiġi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun ġiet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tiġi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi. Ghalhekk lappellant ser jigi liberat mill-imputazzjoni li tipotizza rreat kontemplat flArtikolu 251B(1) tal-Kap. 9.[195]**

Stabbilit dan l-insenjamenmt gurisprudenzjali huwa evidenti allura illi jrid ikun hemm prova dwar rettroxena fejn f'aktar minn okkazzjoni waħda l-parte ċivile tibża illi hi jew il-familjari jew il-propjeta tagħha setgħu isofru vjolenza minn taht idejn lappellant u dan minħabba l-komportament tiegħu.

Mill-provi miġjuba, din l-imputazzjoni ma ġietx pruvata sal-grad mistenni. Omissis stess tixhed li David qatt ma heddidha li ser jikkawża xi vjolenza fuqha, fuq binha jew fuq il-partner tagħha għalkemm f'okkażjoni waħda, waqt li kienet qed issuq, *"gholla idejh fuqi u tani tlett darbiet daqqiet fuq wicci"*.[196]

Reċidiva

Ġiet esibita mill-Ispettur John Spiteri sentenza mogħtija lill-imputat, kif jidher mill-konnottati tiegħu, mill-Imħallef Lawrence Quintano fid-29 t'April, 2014, li kkonfermat sentenza tal-ewwel qorti li fiha l-imputat ingħata libertà kondizzjonata taħt l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.[197] L-ispettur kkonferma wkoll is-sentenza mogħtija nhar l-10 ta' Diċembru, 2014, mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli fejn l-imputat ġie kundannat għal multa ta' €300.[198] L-Ispettur Saviour Baldacchino kkonferma l-identità tal-imputat.[199] Peress li din il-multa tħallset fl-intjier tagħha fil-25 ta' Settembru, 2017, hu f'din id-data li jista' jingħad li Xuereb skonta s-sentenza fuqu imposta għalhekk ma tirriżultax ir-reċidiva taħt l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali.

Ir-Reġistratur tal-Qorti ppreżentat żewġ sentenzi oħra mogħtija fil-konfront tal-imputat fil-21 ta' Novembru, 2011[200] fejn l-imputat ġie kundannat xahar priġunerija sospiżi għal sentejn.[201] Peress li l-imputazzjonijiet jirrigwardaw atti li seħħew bejn Jannar u Settembru, 2017, l-imputat jista' jinsab ħati biss li hu **reċidiv ai termini tal-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali**.

---

195 Deċiża nhar l-24 ta' April 2009 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), preseduta mill-Imħallef Vincent Degaetano, Ref. 337/2008.
196 Fol.120
197 **Dok.JSZ1** a fol.282 *et seq*
198 Fol.279-280. **Dok.JS2** a fol.250-255
199 Fol.555
200 Fol.568 *et seq*
201 **Dok.EFGZ** a fol.570

**PIENA**

Il-Qorti eżaminat il-fedina penali tal-imputat li hi tassew ta' tħassib tenut kont is-serje sħiħa ta' akkużi li ġie mixli bihom tul is-snin. Mhux talli l-imputat għandu fedina penali mżewwqa ghall-aħħar, iżda minnha jirrizulta li l-opportunitajiet kollha li ngħatawlu fil-passat ma servew għal xejn. Kienu diversi l-okkażjonijiet fejn dan ingħata sanzjoni komunitarja, libertà kondizzjonata, sentenzi sospiżi w multi. L-imputat għandu storja ta' inġurji w theddid, serq, offiżi fuq il-persuna, ksur ta' garanziji ai termini tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Penali, fastidju, w imġieba li permezz tagħha kkawża biża li ser tintuża vjolenza fuq persuni, teħid tal-liġi b'idejh w b'riċedivita`.[202]

L-*employment history* tiegħu tixhed bniedem li bħal donnu ma jsaddad imkien, fejn għadu ma sabx postu fis-soċjetà. Dan kollu fil-fehma tal-qorti juri l-instabilta` ta' Xuereb, instabilta` li tippervadi l-azzjonijiet tiegħu lil 'hinn mid-dinja tax-xogħol.

Il-kondotta tiegħu versu martu issib reżonanza fil-kondotta tiegħu ma *Omissis*; kondotta karatterizzata minn theddid u fastidju. Jidher bil-wisq evidenti li l-imputat ma jiddejjaq xejn **jagħmel tiegħu dak li mhux**, kif juru d-diversi kundanni ta' serq mogħtija fil-konfront tiegħu.

Ġie kkunsidrat illi l-piena għar-reat ta' stupru, fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reat qabel l-emendi introdotti permezz tal-***Att XIII tal-2018,*** kienet dik tal-priġunerija minn tlett snin sa disa' snin.

Numerużi kienu dawn l-istanzi ta' stupru, w għalhekk m'hemmx dubbju li japplika l-**Artikolu 18** tal-Kodiċi Kriminali biex b'hekk il-piena massima tiżdied għal dik ta' priġunerija ta' bejn l-ħames snin u l-għoxrin sena.[203]

Mill-banda l-oħra l-piena li kien igorr ir-reat tal-attentat vjolenti għal pudur fiż-żmien li seħħ l-għemil li qed tinstab il-ħtija tal-imputat dwaru qabel dawk l-emendi kienet dik tal-priġunerija minn tlett xhur sa sena, liema terminu ta' priġunerija jista' jiżdied bi grad jew tnejn jekk tavvera ruħha xi waħda jew aktar miċ-ċirkostanzi elenkati fl-artikolu 202 tal-Kodiċi Kriminali. F'dan il-każ ġie ampjament ppruvat li jirriżultaw iċ-ċirkostanzi ravvizati bl-artikoli 202(j) u (k) tal-Kodiċi Kriminali.

---

202 Fol.652-662. Fedina penali aġġornata a fol.670 *et seq.*

203 Jew jekk tiżdied bi grad wieħed hi dik ta' priġunerija ta' bejn l-erba' snin u t-tnax il-sena priġunerija.

Issir riferenza għal-konsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija vs Anthony Cassar et**:[204]

> Illi l-piena erogata trid tkun tali illi tagħmel gustizzja u li tfittex li tohloq bilanc bejn il-gravita' tal-każ u c-ċirkostanzi attenwanti li jista' jkun hemm. Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bhala:
>
> **(a) the punishment of offenders**
> **(b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence)**
> **(c) the reform and rehabilitation of offenders**
> **(d) the protection of the public**
> **(e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.**
>
> Illi allura min hu imsejjah biex jiggudika ma ghandux ihares biss l-interessi tal-persuna kkundannata iżda ghandu jara illi jhares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u s-socjeta in generali billi jaghti dik il-piena li ghandha isservi bhala kastig ghal min jikkometti r-reat, li tara li twassal ghat-tnaqqis tal-kummissjoni ta' reati ohra, li tista' twassal ghar-rijabilitazzjoni u r-riforma tal-hati, li taghti il-harsien mehtiega lil pubbliku u li l-hati jaghmel reparazzjoni ghal hazin li jkun għamel.
>
> Hu veru ukoll dak li qal l-insinji Leo Page fil-ktieb tiegħu, The Problem of Punishment, fis-sens li –
>
> **' …. The selection of the best treatment of an offender is a much more difficult problem than the question of his guilt.'**
>
> **Hu pero' ugwalment veru dak li inghad ghap-propositu tal-kwistjoni tal-piena fil-Criminal Law Review, July 1961, p.482 –**
>
> **'The objects of which Judges commonly and properly have in mind, when imposing sentence, include not only the punishment and reformation of the offender, but also, and perhaps predominantly, the protection of the public.'**
>
> **Mr. Justice Birkett, f'konferenza li hu ta taht l-awspicji tal-Clarke Hall Society, - li hi socjeta intiza ghat-trattament riformatiku tal-hati – intitolata 'Criminal Justice Problems and Punishment' qal hekk –**
>
> **'The Court's priOmissis consideration must be the welfare of the community. To fail to be severe in certain cases is to do wrong to the community and to injure its interests.'[Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino]".**

Fil-fehma tal-Qorti, l-għemil bħal dak manifestat mill-imputat, il-kondotta kriminuza tiegħu, juru biċ-ċar li sakemm jasal dak iż-żmien li l-imputat tassew irrijabilita ruħu, **postu ċertament mhux fis-soċjetà**. Hu mistenni li soċjetà tiġi protetta minn għemil daqshekk perikoluż, fejn ossessjoni ta' bniedem irrendiet mara skjava għall-esiġenzi sesswali tiegħu. Mara li kif xehdet għadha ssofri

[204] Per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.; Dec.3 ta' Lulju, 2020; Appell Numru: 113/2014

minn sfreġju psikoloġiku w emozzjonali kawża tal-għemil tal-imputat. Dan tirrikonoxxieh l-istess uffiċjal tal-Probation meta ssemmi li meta iltaqgħet ma Omissis, din insistiet magħha li ma riedet ebda kumpens mingħand Xuereb iżda biss li ma jersaqx lejha qatt iżjed!

Fiċ-ċirkostanzi u in vista tal-provi miġjuba, David Xuereb għandu jiġi inkarċerat. Tul dan iż-żmien ta' inkarċerazzjoni, hu mistenni li l-imputat jieħu kull trattament u kura disponibbli biex jagħraf jindirizza l-impulsivita` tiegħu, l-aktar ma persuni li jkun intimi magħhom. B'hekk tkun qed tintlaqa' anke r-rakkomandazzjoni tal-uffiċjal tal-probation.[205] Hekk biss nisa oħra li fuqhom tista' taqa' ħarstu fil-futur jiġu verament protetti minn predatur sesswali ta' din il-kwalità.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ħames imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 18, 31, 49, 198, 202(j)(k), 206, 207, 251A, 251AA u 251C tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha w tikkundannah għal **tmien (8) snin priġunerija.**

Inoltre` a tenur tal-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament għal żmien <u>tlett (3) snin</u> sabiex jingħata l-għajnuna psikoloġika li jinħtieġ.

Kif ukoll a tenur tal-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qegħda toħroġ Ordni tat-Trażżin fil-konfront tal-imputat a favur ta' Omissis u l-familjari tagħha kif ukoll fil-konfront ta' Omissis 1 għal żmien <u>tlett snin</u> mil-lum.

Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qegħda tordna lill-imputat iħallas l-ammont ta' **€1,775.90** rappreżentanti l-ispejjeż peritali.

Ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali, tordna li ġaladarba dan il-każ ikun sar *res judicata*, jigu konfiskati l-oġġetti kollha esibiti w senjatament il-*hard disc* bil-filmati.

[205] Fol.633. *Vide* ukoll fol.650

Finalment tordna divjet tal-ismijiet tal-vittma, tal-familjari tagħha w ta' Omissis 1 minn fuq il-mezzi kollha tax-xandir u minn pubblikazzjoni fuq il-*media*.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**MAĠISTRAT**